<u>Talba tal-parte ċivile biex il-Qorti tal-Maġistrati tibgħat l-atti lill-Avukat Ġenerali biex jappella</u>

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

Maġsitrat Dr. D. Frendo Dimech LL.D.

Il-Pulizija

Vs

ABC

Deċiża 01/10/2025

Kawza Nru. 2292/2024

Rikors tal-Parte Ċivile CDE (ID Nr. 123456M)

Jesponi bir-rispett:

Illi l-esponenti kien kostitwit bħala parte ċivile f' dawn il-proċeduri ai termini tal-artikolu 410 tal-Kodiċi Ċivili.

Illi permezz ta' sentenza tal-1 ta' Ottubru, 2025 fl-ismijiet *il-Pulizija vs ABC*, din l-Onorabbli Qorti lliberat lill-akkużat ABC mill-akkużi kollha.

Illi l-esponenti jixtieq jipprevali mid-dispost tal-artikolu 414 tal-Kodiċi Kriminali u għaldaqstant umilment jitlob lill-din l-Onorabbli Qorti sabiex tagħti aċċess lill-Avukat Ġenerali bil-mezzi elettroniċi, permezz tar-reġistratur, fi zmienn tlett (3) ijiem tax-xogħol, għal kopja skenjata tas-sentenza tal-1 ta' Ottubru, 2025 flimkien ma kopja skenjata tal-atti tal-kawża u max-xhieda traskritta tal-kawża supra ċitata *Il-Pulizija vs ABC* deċiża minn din l-Onorabbli Qorti per Maġistrat Dr. D. Frendo Dimech u dan taħt dawk il-kundizzjonijiet u obbligi kollha li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha timponi.

Avv.

Rikros ta' Appell (1)

Fil-Qorti tal-Appell Kriminali

Il-Pulizija

Spettur EFG

Vs

ABC

Deċiża fl-20 ta' Jannar, 2025 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminal per Maġistrat Dr. Yana Micallef Stafrace)

Rikors tal-Appell ta' ABC (ID Nr: 0348797M)

Jesponi bir-rispett:

Illi premezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, per Maġistrat Dr. Yana Micallef Stafrace tal-20 ta' Jannar, 2025, fuq imputazzjonijiet talli fit-30 ta' Marzu, 2023 għall-ħabta ta' 18.20 hrs fi Triq it-Tiġrija, Siġġiewi, saq vettura b'numru ta' reġistrazzjoni ILY363;

1. U talli saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata;
2. U aktar talli b'nuqas ta' ħsieb u bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, ikkaġuna ħruq, jew għamel xi ħsara jew ħassar jew għarraq xi ħaġa, minħabba f'hekk HIJ batgħa offiża gravi fuq il-persuna, mingħajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta skont kif iċċertifika Dr. Jekaterina Juskevic MD.

Il-Qorti, sabet lill-imputat ABC ħati tal-ewwel imputazzjoni fil-konfront tiegħu u kkundanatu għall-multa ta' elf u mitejn Ewro (€1200), sospensjoni tal-liċenzji tas-sewqan għall-tlett (3) xhur u sitt (6) punti fuq il-liċenzji tas-sewqan, u ma sabitux ħati tat-tieni imputazzjoni b'dan li lliberatu minnn kull ħtija u piena dwar l-istess.

Fatti tal-Każ

Illi l-fatti li taw lok għall-każ in kwistjoni kienu fil-qosor is-segwenti:

Illi fit-30 ta' Marzu 2023 għall-ħabta ta' 18.20hrs seħħ inċident fi Triq it-Tiġrija, Siġġiewi bejn il-vettura ILY363 tal-għamla Ford Kuga, misjuqa mill-esponenti u l-vettura JBJ043 tal-għamla Toyota Aygo misjuqa minn HIJ.

Illi l-pulizija mill-għassa ta' Ħaż Żebbuġ kienu l-ewwel fuq il-post fejn sabu il-vettura tal-esponenti nofsha fit-triq u nofsha fil-ħamrija fil-ġenb tat-triq u l-vettura ta' HIJ bil-parti ta' quddiem taqbeż il-karreġġjata tan-nofs tħares fid-direzzjoni tar-Rabat.

Illi ħmistax il-ġurnata wara dan l-inċident, preċiżament fil-15 ta' April, 2023, HIJ informa lil Pulizija li rriżultalu ksur u ppreżenta ċertifikat mediku.

Illi sussegwentement il-pulizija eżekuttiva pproċediet kriminalment fil-konfront tal-esponenti u ġie akkużat b'sewqan traskurat u li b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta'regolamenti, ikkaġuna ħruq, jew għamel xi ħsara jew ħassar jew għarraq xi ħaġa, minħabba f'hekk HIJ batgħa offiża gravi fuq il-persuna, mingħajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi eventwalment, b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tal-20 ta' Jannar 2025, il-Qorti, sabet lill-appellant ABC ħati ta' sewqan traskurat, ikkundannatu multa ta' Euro 1,200, issospendietlu l-liċenzja tas-sewqan għall-tlett (3) xhur u (6) punti fuq il-liċenzji tas-sewqan.

Illi l-esponenti ħass ruħu aggravat b'din id-deċiżjoni kontra tiegħu supra ċitata tal-20 ta' Jannar, 2025, u minnha qed jinterponi dan l-umili appell.

Illi preliminarjament, għall-aħjar kajrezza ta' ħsieb u sabiex jiġi evitat kwalsiasi malintiż, tenut kont li l-appellanti ġie liberat mit-tieni imputazzjoni, qiegħed jiġi iċċarat mill-bidu nett li l-appell tiegħu huwa limitat għas-sejbien ta' ħtija fil-konfront tal-ewwel imputazzjoni u għal-piena inflitta fir-rigward tal-istess imputazzjoni.

L-Ewwel Aggravju

Illi magħmulha tali kjarifika, l-esponenti umilment jissottometti li, **l-ewwel aggravju** tiegħu huwa fis-sens li fl-umili fehma tiegħu, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħetx tasal għall konklużjoni li waslet għaliha meta sabithu ħati ta' sewqan traskurat.

Illi s-sejbien ta' ħtija fil-konfront ta' l-akkużat kien wieħed "*unsafe and unsatisfactory*" u dan għaliex meta wieħed jara d-dinamika tal-inċident kif tirriżulta mir-rittratti, mill-isketch li preżentaw il-prosekuzzjoni, mill-posizzjoni ta' fejn kienu l-ħsarat fuq il-vetturi, u mill-point of impact, wieħed kellu, bir-rispett, jasal għall-konklużjoni li l-esponenti ma jistax jinstab ħati tal-ewwel imputazzjoni.

Illi jibda biex jingħad illi l-fatt illi l-Ewwel Qorti ma sabitx lill-appellant ħati tat-tieni imputazzjoni jinċidi fuq il-fatt illi l-istess Qorti kellha dubju jekk l-appellant kienx il-

kawża ta' dan l-inċident, għax jekk għas-saħħa tal-argument, u għas-saħħa tal-argument biss, l-appellant kien saq b'manjiera traskurata u għaldaqstant ikkawża l-inċident *de quo,* wieħed jistaqsi, kif allura, l-ewwel Qorti ma sabitux ħati tat-tieni imputazzjoni? Jekk xejn, l-ewwel Qorti kienet issibu ħati taż-żewġ imputazzjonijiet, jew fl-aħjar ipoteżi, u kif qed jikkontendi l-appellant, kellha tilliberaħ miż-żewġ imputazzjonijiet.

Illi l-Ewwel Qorti applikat ħażin il-fatti tal-każ sabiex tasal għall-konklużjoni illi f'dan il-każ kien hemm nuqqas da parti ta' l-esponent mill-obbligu tiegħu sabiex iżomm "*a proper lookout*" fil-mument ta' l-inċident de quo.

Illi bħala provi relevanti għall l-ewwel imputazzjoni hemm l-affidavit ta' PS 2329 Tiziana Azzopardi u r-ritratti esebiti minnha, ix-xhieda ta' HIJ u id-depożizzjoni ta' l-istess appellant ABC.

Illi fir-rigward tal-affidavit ta' PS 2329, apparti l-konstatazzjonijiet li saru fuq il-post, huma ta' rilevanza kbira il-verżjonijiet li taw a *tempo vergine* l-istess sewwieqa. Il-verżjoni ta' HIJ kienet illi dan kien għaddej minn triq it-Tiġrija għad-dritt u f'daqqa waħda ħarġet vettura minn fuq l-istop, skont kif qal, ibbreakja u paqpaq pero' xorta kien hemm l-impatt. Fix-xhieda tiegħu li ta' quddiem l-ewwel Qorti, HIJ jgħid li "f'daqqa waħda ħarġet karozza kienet Ford Kuga ma kellix aktar fejn imur pruvjat nibbreakja".

Illi jirriżulta kemm mill-affidavit ta' l-istess PS 2329 u anke mill-istess ritratti esebiti mill-uffiċċjal tal-pulizija illi mat-triq ma kien hemm l-ebda breakmarks, għaldaqstant wieħed jistaqsi kemm hi veritiera din il-verżjoni meta bi triq xotta, ma kien hemm l-ebda breakmarks mal-art. Apparti minn hekk, fix-xhieda tiegħu, meta mistoqsi mill-ewwel Qorti b'liema veloċita' kien għaddej, l-istess HIJ jgħid illi ma kienx qiegħed jaqbeż l-40. Hawnhekk ukoll wieħed jistaqsi, kieku fil-verità HIJ kien għaddej bil-veloċità ta' 40 kilometru fis-siegħa jew inqas, żgur illi kien ikollu ċans jagħfas il-break u jieqaf fil-ħin jew jagħmel xi manuvra biex ikun jista' jevita' il-karozza tal-appellant.

Illi fis-sentenza, Il-Pulizija (Spettur Maria Stella Attard) v Mario Abela[1], intqal:

---

[1] Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-30 ta' Ġunju 2017 (mhux appellata)

"Illi m'hemmx dubbju li min ikun ħiereġ minn triq sekondarja għal fuq triq prinċipali għandu juża l-massima prudenza u diliġenza; u li min ikun qiegħed isuq fit-triq ewlenija għandu wkoll juża d-diliġenza huwa u joqrob lejn kantuniera ta' triq laterali anke jekk din tkun waħda sekondarja. Għalkemm għandu l-preċedenza, jew "id-dritta", il-main road user m'għandu l-ebda brevett ta' immunita u jista' jsir, fiċ-ċirkostanzi kongruwi, a main road abuser. Hija liġi li "d-driver ta' kull vettura sew fi triq prinċipali sew f'waħda sekondarja għandu joqgħod attent il-ħin kollu u għandu jieħu l-prekawzjonijiet kollha f'kull kantuniera" (Regolament 76, Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur, L.S.65.11).

Illi il-verżjoni li ta' l-appellant għandha iktar mis-sewwa u fil-fatt, fil-verżjoni li ta' lil pulizija *a tempo vergine* jgħid illi:

'Waqaft fuq l-istop sign u ċċekjajt lemin, xellug u lemin. Iċċekjajt il-mera ta' faċċata u ħriġt bil-galbu u hu kien ġej għal-alla tiegħu u baqa' dieħel ġo fija.'

B'kull rispett, dan juri biċ-ċar illi l-appellanti eżerċita sa fejn seta' il-*proper lookout*, ħa il-prekawzjonijiet kollha neċessarji u ma kien fl-ebda ħin traskurat fis-sewqan tiegħu.

Illi kif ingħad fis-sentenza il-Pulizija (Spettur Mario Tonna) vs Joanne Persiano[2]:

"illi minor road user irid josserva tlett regolamenti importanti u cioe':

1. li jersaq b'attenzjoni kbira lejn l-inkroċju bil-ħsieb li jaċċerta ruħu li bil-fatt biss li jkun ser jirfes fuq it-triq prinċipali ma kienx sejjer ifixkel it-traffiku fuq dik it-triq.

2. li jaċċerta ruħu li ma kienx hemm traffiku fuqha. Jew almenu, jekk kien hemm traffiku, kien tant 'il bogħod li l-ħruġ tiegħu fuqha ma kien bl-ebda mod se jfixkel lil dak it-traffiku

[2] Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-24 ta' Marzu, 2010 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Novembru, 2011

3. li ċċaqlaq għal fuq il-karreġġjata prinċipali bil-mod il-mod inching out u jekk meħtieġ, jieqaf għal kollox biex jesplora dik it-triq u biex jistenna lit-traffiku jgħaddi."

Illi mix-xhieda tiegħu u kif ingħad aktar il-fuq, l-appellant segwa dawn ir-regolamenti skrupolożament u bl-ebda mod ma qabad u ħareġ fuq il-main road, u jekk wieħed jagħmel ukoll referenza għax-xhieda li ta' l-istess appellant quddiem l-ewwel Qorti; anke meta ra li kien hemm il-mera maħmuġa, ħareġ bil-mod, fil-fatt l-appellant xehed hekk:

'Mela jien waqaft fuq l-istop sign, ħarist lejn ix-xellug u l-lemin, il-mera ma stajtx għax kienet maħmuġa kif hemm fuq ir-rapport u ħriġt bil-galbu'

Illi wkoll fuq mistoqsija tal-ewwel Onorabbli Qorti meta staqsietu b'referenza għall-mera maħmuġa l-appellant u qaltlu li jekk il-mera kienet maħmuġa suppost ma ħriġtx (!!!) l-appellant wieġeb hekk:

"le, le, jien waqaft, ħarist lemin u xellug issa t-triq qegħda hemmhekk hemm qisha liwja u hemm il-ħaxix għoli".

Illi kemm il-fatt illi hemmhekk hemm liwja u kif ukoll illi dak iż-żmien il-ħaxix fil-ġenb tat-triq kien għoli tant li jostakola l-viswali tas-sewwieq huwa wkoll evidenzjat mir-ritratti illi ġew preżentati minn PS2329.

Illi apparti minn hekk, meta wieħed jara r-ritratti meħuda fuq il-post tal-inċident minn l-istess PS2329 jidher biċ-ċar illi l-vettura tal-appellant kienet diġa għaddiet minn fuq nofs il-karreġġjata, fil-fatt, ir-riżultanzi tal-impatt jibdew minn fuq il-bieba tal-appellant u il-mudguard ta' quddiem baqa' intatt wara l-inċident.

Illi b'kull rispett, kien ukoll dmir ta' HIJ illi jsuq b'mod galbat u joqgħod attent għal kwalsiasi vettura li tista' tkun ħierġa mit-toroq laterali li hemm tul Triq it-Tiġrija. In sostenn ta' dan, l-appellant jirreferi għas-sentenza 'Il-Pulizija vs Mario Abela' (supra

ċitata) u kif ukoll għad-definizzjoni ta' *proper lookout* li ngħatat minn din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza il-Pulizija vs Brian Spiteri[3]

'...ġie ritenut mill-Qrati Tagħna li "Hu dover ta' "driver to see what is in plain view". (App. Krim. "Il-Pul. vs. Joseph Vella" – [10.8.1963]) u li "min ma jarax dak li raġonevolment għandu jara, ifisser li ma kienx qed iżomm "a proper lookout" (Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. J.M. Laferla, [17.6.1961])."

"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well."

Bil-veloċità eċċessiva li kien għaddej biha HIJ, dan ċertament ma setax joqgħod attent! Tant hu minnu illi ma kienx qiegħed attent, illi lanqas kien hemm sinjali ta' xi *brake mark* u għalhekk l-unika konklużjoni li tista' tiġi dedotta hija illi bl-ispeed qawwi li kien għaddej bih, flimkien man-nuqqas ta' '*proper look out*' tal-istess HIJ, lanqas biss induna bil-vettura tal-appellant li kienet ħierġa bil-mod mit-triq laterali.

Illi l-ewwel Qorti sabet lill-appellant ħati ta' sewqan traskurat. Illi skont il-ġurisprudenza nostrana kif anke ravviżat fis-sentenza mogħtija minn din l-istess Onorabbli Qorti, il-Pulizija vs Alfred Mifsud[4] ingħad illi:

"*Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilħaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq raġonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bħala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jinċidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll għal sewqan traskurat"*

Bid-dovut rigward, mill-provi jirriżulta li fil-mument ta' l-inċident l-esponent kien qiegħed jeżerċita d-diliġenza kollha dovuta u anke osserva id-disposzzjonijiet tal-*Highway Code* billi kien qiegħed jiffoka l-attenzjoni tiegħu fuq min kien ġej kemm mill-lemin u kemm mix-xellug ta' Triq it-Tiġrija, u dan propju sabiex jaċċerta ruħu li ma jkun ta' ebda perikolu għall-terzi li kienu qed jużaw dik it-triq. Il-fatt li HIJ kien

[3] Appell Nru. 412/2023 deċiża 29 ta' Jannar, 2025
[4] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Mejju 1997

għaddej b'veloċità eċċessiva u li ma żammx '*proper lookout*' kif inhu rikjest minn kull sewwieq, żgur illi huwa fattur li mhux attribwibbli lill-esponent u per tant il-kundanna tal-appellant għall sewqan traskurat kienet waħda irraġonevoli.

<u>It-Tieni Aggravju</u>

Illi strettament mingħajr preġudizzju dwar il-mertu, l-esponenti umilment jissottometti illi suboridinatament, f'każ li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad l-aggravju tal-esponenti u tikkonferma l-ħtija, l-piena fil-każ in kwistjoni għandha tkun waħda iktar miti u dan għal-diversi raġunijiet li ser jiġu spjegati hawn taħt:

Fl-ewwel lok, l-esponenti jirreferi għall-gradwatorja tas-serjetà tal-imputazzjonijiet ta' sewqan negliġenti, bla kont jew perikoluż, għall-dan il-għan, l-appellant jirreferi għas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti <u>il-Pulizija vs Mario Gellel</u>[5] fejn din il-Qorti qalet hekk fir-rigward:

"...kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App. Krim. Pul. vs Charles Bartolo, 14.3.59, Pol. vs Wilson [Vol. XXXIX iv. 1018] u Pul. vs Alfred Vella [Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` tagħhom (App. Krim. Pul. vs Hardingham, 19.10.1963). Ġie wkoll ritenut li biex jintegra ruħu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bżonn ta' ċertu grad ta' 'recklessness' (App. Krim. Pul. vs Charles Farrugia [Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' ġiet definita bħala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim. Pul. vs Joseph Aquilina, 20.4.1963). Inveċe sewqan negliġenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wieħed għandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. Pul. vs Antonio Spiteri [Vol. XLIV iv. 892])".

Għaldaqstant, u kif ingħad hawn fuq, is-sewqan traskurat huwa fil-qiegħ nett meta tiġi vvalutata is-serjetà tal-imputazzjonijiet li jirrigwrdaw sewqan. Madankollu, l-ewwel Onorabbli Qorti meta ġiet biex tikkalibra l-piena fil-konfront tal-appellant:

1. Ikkundannatu għall massimu applikabbli fil-konfront tal-multa.
2. Ikkundannatu sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan għall-tlett (3) xhur;
3. U sitt (6) punti fuq il-liċenjzi tas-sewqan.

Issa fir-rigward tal-piena, huwa minnu li l-Qorti setgħet anke applikat sa sena priġunerija, pero' meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni li il-multa ta' elf u mitejn ewro hija il-massimu tal-multa applikabbli għall-imputazzjonijiet li huma bil-wisq aktar serji mis-sewqan traskurat, awtomatikament wieħed jikkonkludi li il-piena ta' multa fil-massimu tagħha kien ftit jew wisq esaġerat.

[5] Deċiża fid-19 ta' Frar, 2004

Illi fir-rigward tal-imposizzjoni tas-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan, l-appellant jirrileva illi l-ewwel Onorabbli Qorti applikat skorrettement l-artikolu 15(2) meta fir-realtà kellha tapplika l-artikolu 15(3).

Illi is-sospensjoni tal-liċenzja riferuta fl-artikolu 15(2) hija għall-sewqan bi 'traskuraġni kbira' jew 'perikoluż' li għaldaqstant, skont il-gradwatorja su riferita tapplika għal sewqan 'bla kont' u 'perikoluż'. Dan huwa kkonfermat fis-sentenza il-Pulizija vs Benjamin Schembri[6] fejn ingħad:

"L-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 jirreferi għal sewqan b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż. It-test Ingliż tal-liġi jirreferi għal sewqan "in a reckless, negligent or dangerous manner". Pero l-Artikolu 15(2) imbagħad jirreferi għal sewqan "bi traskuraġni kbira jew b'mod perikoluż" filwaqt li t-test Ingliż tal-Art. 15(2) jirreferi għal sewqan "in a reckless or dangerous manner". Huwa evidenti għalhekk illi bil-kliem "sewqan bi traskuraġni kbira" fl-Artikolu 15(2) il-leġislatur ried ifisser "sewqan bla kont". L-iskwalifika iktar severa għal sewqan bla kont u sewqan perikoluż imposta fl-Artikolu 15(2) – b'differenza għal dik inqas severa għal sewqan traskurat imposta fl-Artikolu 15(3) – tirrifletti l-gravita' differenti illi l-leġislatur jattribwixxi għal dawn il-modi ta' sewqan."

Illi għalkemm huwa minnu li l-artikolu 15(3) jipprospetta biss il-minimu applikabbli ta' sospensjoni, cioe' tmint ijiem, il-Qorti ma tistax tinfliġġi piena ta' tlett xhur stante illi din hija piena għall-imputazzjonijiet iktar gravi li jaqgħu taħt l-artikolu 15(2) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant, in vista' tal-fatt illi l-appellant instab ħati biss ta' sewqan traskurat u anqas instab ħati li kkawża ħsara jew feriti fuq xi persuna oħra, is-sospensjoni għandha tkun lejn il-minimu ta' dak impost fl-artikolu 15(3) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi fir-rigward tal-punti inflitti fuq il-liċenjza tal-appellant, simili għall dak illi ingħad fir-rigward tal-multa il-Qorti skont is-sitt skeda tal-L.S. 68.18 kellha id-diskrezzjoni li tapplika minn tlett (3) sa ħdax (11) il-punt ta' piena għall-sewqan traskurat, bla kont jew perikoluż. Hawnhekk ukoll l-ewwel Qorti, fl-opinjoni tal-appellant, setgħet applikat piena aktar lejn il-minimu tagħha meta kkominat il-piena fil-konfront tiegħu, speċjalment meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni dak li diġà ingħad fil-konfront tal-gradwatorja tas-severità tal-imputazzjoni li tagħha instab ħati l-appellant.

[6] Moghtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-9 ta' Mejju, 2023 kkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Frar, 2024

Talba

Għaldaqstant, l-esponenti filwaqt illi qed jinterponi dan l-umili appell mis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per Maġ Dr. Y Micallef Stafrace datata 20 ta' Jannar 2025, fejn fuq imputazzjonijiet kontra l-appellanti, talli fit-30 ta' Marzu, 2023 għall-ħabta ta' 18.20 hrs fi Triq it-Tiġrija, Siġġiewi, saq vettura b'numru ta' reġistrazzjoni ILY363; 1) U talli saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata; 2) U aktar talli b'nuqas ta' ħsieb u bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, ikkaġuna ħruq, jew għamel xi ħsara jew ħassar jew għarraq xi ħaġa, minħabba f'hekk HIJ batgħa offiża gravi fuq il-persuna, mingħajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta skont kif iċċertifika Dr. Jekaterina Juskevic MD. Il-Qorti, sabet lill-imputat ABC ħati tal-ewwel imputazzjoni fil-konfront tiegħu u kkundanatu għall-multa ta' elf u mitejn ewro (€1200), sospensjoni tal-liċenzji tas-sewqan għall-tlett (3) xhur u sitt (6) punti fuq il-liċenzji tas-sewqan, ma sabitux ħati tat-tieni imputazzjoni u lliberatu minnn kull ħtija u piena dwar l-istess. Jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tilqa' dan l-umili appell billi tvarja s-sentenza appellata u filwaqt li tikkonfermaha fejn sabet lill-appellanti ABC mhux ħati tat-tieni imputazzjoni, tirrevokaha fejn sabet lill-appellanti ABC ħati tal-ewwel imputazzjoni, u minflok tilliberaħ minn kull ħtija u piena skond il-liġi. Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-aggravji dwar il-mertu, f'każ li dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-ħtija fl-ewwel imputazzjoni, illi tvarja u timmodifika s-sentenza appellata kwantu piena billi tinfliġġi piena aktar ekwa u ġusta skond il-każ.

Avv.

Esp: (indirizz tal-appellant)

<u>Rikors ta' Appel (2) B'appell minn digriet interlokatorju</u>

Fil-Qorti tal-Appell Kriminali

(Sede Inferjuri)

Il-Pulizija

Spettur (*Isem*)

-vs.-

(Isem)

Deċiża fid-(*data*) mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminal per Maġistrat Dr. (*Maġistrat*)

Rikors tal-Appell ta' (Isem) (Nru KI)

Jesponi bir-rispett:-

Illi l-esponenti kien akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fuq (ikkwota l-akkużi);

Illi permezz ta' sentenza tal-(Data) l-Qorti ta-Maġistrati (Malta) per Maġistrat (isem) sabet lill-esponenti ħati ta' l-imputazzjoni miġjuba kontrih u ikkundannatu għal (Xhur) habs sospizi ghal (Snin) snin;

Illi l-esponenti hassu aggravat minn din is-sentenza u wara li ta l-garanziji mehtiega skond il-Ligi qiegħed jintavola dan l-appell;

Illi l-fatti fil-qosor huma s-segwenti;

1. Illi l-esponenti fil-gurnata tal-(Data) fit-tmienja ta' filghaxija ma kienx jinsab fi Triq in-Nadur, Nadur izda kien qieghed fil-kazin tal-banda tar-rahal tan-Nadur;

2. Illi fil-kazin tal-banda huwa kien fil-kumpanija ta' tnejn min-nies ohra, Johnny Borg u l-barman ta' l-istess kazin Roger Vella

3. Illi l-appellant waqt il-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talab lill-Qorti biex itellgha bhala xhieda lill-istess Johnny Borg u Roger Vella u l-Qorti permezz ta' digriet interlokutorju moghti fl-istess gurnata li fiha tat is-senteza tagħha ċaħdet it-talba ta' l-esponenti ghar-raguni li kienet semghet bizzejjed provi;

Illi l-aggravji huma s-segwenti:

1. Illi l-Qorti ma kellha qatt tichad it-talba ta' l-esponenti ghalhiex dawn iz-zewg xhieda jikkostitwixxu prova ammissibbli u relevanti li kellha titfa' dawl gdid fuq il-kaz;

2. Illi b'rizultat ta' dan id-digriet l-esponenti nstab hati ta' l-akkuza migjuba kontrih ghalhiex il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) iddecidiet li tiskarta x-xhieda ta' l-esponenti filwaqt li ccahdu milli jipproduci xhieda ohra;

Għaldaqstant, l-esponenti filwaqt illi qed jinterponi dan l-umili appell mis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per Maġ Dr. (Isem) datata (data), fejn fuq imputazzjonijiet kontra l-appellanti (ikkwota l-imputazzjonijiet) umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrevoka id-digriet tal-(data) u b'konsegwenza ta' hekk tħassar u tirrevoka wkoll is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tal-(data) u tordna illi l-atti jintbgħatu lura għand il-Qorti tal-Maġistrati sabiex l-esponenti jkun jistgħu jinstemgħu ix-xhieda msemmija u alternattivament u mingħajr preġudizzju għal dan, thassar u tirrevoka is-sentenza tal- Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-(Data) u tghaddi biex tillibera lill-appellant mill-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu.

Avv. (Isem)

(Indirizz)

Appellant: (Indirizz)

Rikors ta' Appell (1)

Fil-Qorti tal-Appell Kriminali

Il-Pulizija

Spettur ABC

Vs

DEF

Deċiża fid-19 ta' Ġunju, 2025 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminal per Maġistrat Dr. Nadine Sant Lia)

Rikors tal-Appell ta' DEF (ID Nr: 330679M)

Jesponi bir-rispett:

Illi premezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, per Maġistrat Dr. Nadine Sant Lia li ingħatat fid-19 ta' Ġunju, 2025, fuq imputazzjonijiet talli l-appellanti DEF, fl-10 ta' Lulju, 2022 bejn il-ħinijiet ta' 00:30hrs u 02:00hrs ta' filgħodu ġewwa San Ġiljan:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja tal-eks sieħba tiegħu u cioè GHI, f'perikolu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioè offiża ta' natura gravi fuq l-istess GHI hekk kif iċċertifika Dr. David Barbara M.D. 4686 miċ-ċentru tas-saħħa ta' Raħal Ġdid;
2. Ħebb għal-eks sieħba tiegħu GHI sabiex jinġurjha, idejjaqha jew jagħmillha ħsara b'xi mod;
3. Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lill-eks sieħba tiegħu GHI;
4. Għamel inġurji jew theddid bi kliem jew b'mod ieħor mhux imsemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

5. Volontarjament ħassar jew għamel ħasara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' 'mobile phone' tal-għamla Samsung A12 ta' lewn iswed, u liema ħasara ma tiskorrix l-ammont ta' mitejn u ħamsin ewro (250€), u dan għad-dannu tal-eks sieħba tiegħu u cioè GHI;
6. U aktar talli għamel reat li għalih hemm il-piena ta' priġunerija waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza ta' sitt xhur priġunerija sospiżi għall-sentejn, u liema sentenza ġiet mogħtija mill-Maġistrat Dr. Noel Bartolo LL.D. fil-21 ta' Frar, 2022;
7. U aktar talli kkommeta reat waqt li kien taħt ordni ta' *probation*, liema sentenza ingħatat mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Dr. Astrid May Grima, LL.D. nhar l-10 ta' Mejju, 2021 u liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.
8. Barra minn dan, l-imputat DEF huwa akkużat talli rrenda ruħu reċidiv b'sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Malta, liema sentenza huma definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

il-Qorti, iddikjarat it-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjonijiet bħala preskritti u għaldaqstant estinti,u ddikjarat lill-appellant DEF ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni skont l-artikolu 216(1)(b) iżda mhux skont l-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali, u ħati wkoll tal-ħames (5), is-sitt (6), is-sebà (7) u t-tmien imputazzjonijiet u kkundannatu għal-piena komplessiva ta' tmintax (18) il-xahar priġunerija effettiva li magħhom għandhom jiżdied ukoll il-perjodu ta' sitt xhur priġunerija effettiva ordnati permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-21 ta' Frar, 2022 per Maġistrat Noel Bartolo. Il-Qorti poġġiet lill-appellant DEF taħt obbligazzjoni personali tiegħu għal perjodu ta' sena taħt penali ta' elf ewro (€1,000) ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u ai temrini tal-artikolu 382 u 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat il-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin kontra l-ħati a favur ta' GHI għal perjodu ta' tlett (3) snin mid-data ta' din is-sentenza u li għandha tagħti effett għal kull ma hemm imsemmi fl-artikolu 412Ċ(3)(6)(8)-(11) li

għandhom japplikaw mutatis mutandis. Fl-aħħar lok, peress illi fil-proċeduri ma ġewx nominati esperti u/jew periti, il-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Avukat Ġenerali sabiex tapplika dak li jipprovdi l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

FATTI TAL-KAŻ

Illi l-fatt li taw lok għall-proċeduri in kwistjoni kienu fil-qosor is-segwenti.

Illi l-fatti tal-każ jikkonċernaw allegati feriti gravi, agressjoni u ħsara volontarja allegatament imewttqa mill-appellant DEF fuq l-eks-sieħba tiegħu il-parte ċivile GHI nhar l-10 ta' Lulju, 2022 waqt li kienu biswit l-istabbiliment Hugo's Terrace f'San Ġiljan.

Illi il-partijiet saru jafu lil xulxin fl-2021 meta l-appellant kien jiffrekwenta id-Detox u l-parte ċivile kienet taħdem bħala *social worker* hemmhekk. Illi għall-ħabta ta' Awwissu jew Settembru ta' dik l-istess sena, din ir-relazzjoni professjonali żviluppat f'waħda amoruża li baqgħet sejra sa Mejju, 2022 meta l-appellant u l-parte ċivile ma baqgħux flimkien.

Illi sussegwentement, il-parte civile baqgħet in kuntatt ma' iben l-appellant u fid-9 ta' Lulju, 2022 il-parte ċivile, iben l-appellant JKL u l-istess appellant kienu marru Paceville flimkien.

Illi meta kienu Paceville, preċiżament fl-istabbiliment *Havana*, inqala diverbju, għax il-parte ċivile ma ridietx tkellem lil appellant u anke kien hemm intervent ta' terzi u tal-bouncers. Fil-fatt it-tlieta li huma ħarġu mill-istabbiliment *Havana* u marru fejn *Hugo's Terrace*. Il-parte ċivile daħlet ġol istabbiliment Hugo's, ġabet drink għaliha u għal iben l-appellant, u meta ħarġet poġġiet fuq banketta barra. Waqt li kienet bilqegħda fuq il-banketta barra, dejjem skont dak li qalet il-parte ċivile, l-appellant allegatament ħadilha l-mobile, tefahula mal-art u ta' żewġ daqqiet ta' ponn. Illi b'riżultat ta' dawn id-daqqiet ta' ponn, il-parte ċivile sofriet ġrieħi ta' natura gravi li jikkonsistu fi ksur tas-sinna ta' quddiem.

Illi sussegwementement il-pulizija eżekuttiva pproċediet kriminalment fil-konfront tal-appellant, fejn b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati kif ċitata, l-appellanti instab ħati kif fuq deskritt.

Illi l-esponenti ħass ruħu aggravat bid-deċiżjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti tad-19 ta' Ġunju, 2025 kif supra deskritta, u minn qed jinterponi dan l-umili appell.

L-AGGRAVJI TAL-APPELLANT

Illi l-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

1. IN-NULLITÀ TAS-SENTENZA APPELLATA

1.1 Żewġ dati fuq is-sentenza appellata

Illi fl-ewwel lok, l-appellant qiegħed jeċċepixxi n-nullità tas-sentenza appellata in kwantu is-sentenza appellata iġġib żewġ dati differenti. Infatti, sia fil-kopja fiżika u uffiċjali, iffirmata mid-deputat reġistratur li ingħatat lil-avukat difensur tal-appellant f'idejh mill-istess deputat registratur, u kif ukoll fil-kopja diġitali li intbgħatet tramite email lill-istess avukat sottoskritt[7], fl-ewwel paġna tas-sentenza hemm dik tad-19 ta' Ġunju, 2025 u fl-aħħar paġna tas-sentenza[8] dik tad-19 ta' Lulju, 2025. Illi dawn il-kopji, più l-korrispondenza tramite email jinsabu għand l-avukat sottoskritt, u minn issa stess l-esponenti qiegħed bir-rispett jitlob li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħti l-awtorizzazzjoni kollha neċessarja sabiex dawn il-kopji (b'mod partikolari dik li ingħatat fiżikament u hija iffirmata mir-reġistratur) tiġi preżentata quddiem dina l-Onorabbli Qorti sabiex l-Qorti tkun tista' tikkonstata l-premess personalment.

Illi b'rabta ma' dan l-aggravju, filwaqt illi l-appellant jirrikonoxxi illi d-data fuq is-sentenza mhux wieħed mir-rekwiżiti msemmija fl-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali, madanakollu, kif qalet però din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza *Il-Pulizija vs Jordan Azzopardi*[9], fuq skorta ta' ġurisprudenza oħra, id-data korretta fuq is-sentenza huwa

---

[7] Sa meta ried jibda jiġi miktub l-appell is-sentenza kienet għadha ma ġietx imtella online fuq is-sit elettroniku tal-Qrati tal-Ġustizzja, u sal-preżentata tal-appell, l-istess sentenza għadha ma ġietx imtella fuq l-istess sit elettroniku.
[8] Fol 25 tal-istess sentenza
[9] Appell Nru. 547/2015/1 deċiża fil-25 ta' Lulju, 2023

rekwiżit indispensabbli għall-validità tal-istess sentenza. Illi din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza msemmija amplifikat fuq dan il-punt fejn wara li iddikjarat li:

> *"Id-data tas-sentenza mhix formaliżmu żejjed iżda parti essenzjali mis-sustanza tas-sentenza in kwantu tipprovdi ċertezza dwar iż-żmien tal-ġudizzju. Huwa rekwiżit tant ovvju kwantu jassigura r-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja ell tal-partijiet minn dak il-ġudizzju, jistabbilixxi wkoll il-punt tat-tluq minn meta ċerti konsegwenzi tas-sejbien ta' ħtija jistgħu jibdew jiskattaw."*

Għaddiet sabiex tiddikjara illi "il-fatt li hemm żewġ dati fis-sentenza appellata ma jista' qatt jitqies bħala lapsus calami vel computeri", u konsegwentament, iddikjarat tali sentenza bħala nulla u bla effett.

Illi l-appellant jirrileva illi l-fatti ta' din is-sentenza li qed issir referenza għaliha u l-fatti ta' dan il-każ huma identiċi, stante li wkoll kienet titratta sentenza illi kien fiha żewġ dati differenti, fil-bidu u fl-aħħar tas-sentenza. Illi l-appellanti jiddikjara illi tali sentenza ċitata fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Jordan Azzopardi*** ma hijiex l-unika waħda li trattat tali sitwazzjoni, tant li l-istess sentenza tagħmel referenza ampja wkoll għal numru ta' sentenzi oħra li ukoll iddeċidew u kkonfermaw in-nullità tas-sentenza f'ċirkostanzi simili. Konsegwentament, una volta li dan l-aggravju, fl-umili fehma tal-esponenti, huwa sorrett mill-ġurisprudenza estensiva illi referenza għaliha issir fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Jordan Azzopardi***, liema ġurisprudenza hija kostanti u ma tħalli l-ebda dubju għal interpretazzjoni differenti, l-esponenti mhux ser jiddilunga iktar fit-tul dwar dan l-aggravju u umilment jissottometti li din l-Onorabbli Qorti għandha tiddikjara s-sentenza appellata bħala nulla u bla effett u tirrimanda l-atti lura lil Qorti tal-Maġistrati biex il-każ jiġi deċiż skont il-liġi.

1.2 L-Ewwel Onorabbli Qorti ma semmietx l-artikoli kollha li taħthom instabet ħtija

Illi fit-tieni lok, u mingħajr preġudizzju għall-ewwel parti ta' dan l-aggravju, l-appellant qiegħed jeċċepixxi in-nullità tas-sentenza appellata wkoll in kwantu l-Ewwel Onorabbli Qorti ma mxietx mad-dettami tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali illi senjatament jgħid illi:

Issa, skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9, il-Qorti, "*meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat*".

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti a fol 23 tas-sentenza appellata, qalet is-segwenti:

> *"Illi mill-atti, jidher ċar li prova ta' dawn is-sentenzi saret a Fol. 165-175 u 303- 305 rispettivament u għalhekk, ai termini tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tista' tittratta lill-imputat għar-reat li dwaru tkun saret dik l-ordni b'kull mod li tista' tittrattah bħallikieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati quddiemha għal dak ir-reat."*

Illi s-sentenza msemmija a fol 165 sa 175 hija is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija nhar l-10 ta' Mejju, 2021 fejn l-appellant ġie kkundannat għal-perjodu ta' tlett snin *probation*. L-Ewwel Onorabbli Qorti ai termini tal-artikolu 23(1)(a) tal-Kap 446, għoġobha tittratta mal-appellant fir-rigward tal-ksur tal-Ordni ta' *Probation* inflitta b'dik is-sentenza (ossia l-akkuża numru 7). Madanakollu, fid-decide, l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli ssemmi l-artikoli tar-reat illi tagħhom l-appellant instab ħati permezz tas-sentenza tal-10 ta' Mejju, 2021. L-appellant jikkontendi illi biex is-sentenza tkun konformi mad-dettami tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha ssemmi l-artikoli li taħthom kienet qed tinstab ħtija permezz tas-sentenza tal-10 ta' Mejju, 2021.

L-esponenti jaghmel umili referenza għall-numri ta' kawzi fejn il-Qrati tal-Appell ppronunzjaw ruħhom dwar dan l-artikolu 328 tal-Kodici Kriminali, fejn anke kien hemm okkazzjonijiet li din in-nullità tqajjmet ukoll ex officio.

Eżempju tal-premess, hija s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***il-Pulizija vs Silvio Bouvett,*** deċiża nhar id-19 ta' Mejju 2010 fejn wara referenza għall-artikolu 328 tal-Kodici Kriminali inqtal:

> *"Fis-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti iddikjarat lill-appellanti (allura imputat) ħati tat-tieni, ir-raba, is-sitt, is-seba', it-tmin, u l-ħdax imputazzjonijiet u wara għaddiet biex tiċċita "l-artikoli 41, 339, 95 u 17 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta". L-artikoli 95 u 339 huma artikoli li jikkontemplaw reati. L-artikolu 95 huwa rilevanti għall-ħdax-il imputazzjoni. Dwar l-artikolu 339 irid jingħad illi dan l-artikolu fih żewġt subartikoli u l-ewwel subartikolu jikkontempla xejn anqas minn ħmistax-il kontravvenzjoni*

differenti (mill-pargarafu (1) sal-paragarfu (o)). Minnhom kollha, paragfu wieħed biss jidher li huwa rilevanti għall-każ u li japplika għat-tmien imputazzjoni, il-paragrafu (b), u dan ma ġiex indikat mill-ewwel Qorti. Kwantu għall-imputazzjonijiet l-oħra li tagħhom l-ewwel Qorti sabet ħtija, dik il-Qorti ma ccitat l-ebda artikolu.

F'dawn iċ-ċirkostanzi s-sentenza appellata tirrizulta difettuza minn wieħed mir-rekwiziti essenzjali kontemplati l-artikolu 382 għall-validità tas-sentenza. Dan għalhekk jirrendi s-sentenza appellata nulla. Għaldaqstant din il-Qorti qed tiddikajra ex officio s-sentenza ta' l-ewwe Qorti nulla………"

L-esponenti jagħmel ukoll umili referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell, ***il-Pulizija vs Jeffrey Savage,*** deċiża mill-Qorti tal-Appell, nhar l-1 ta' Gunju 2011, per Onor. Imħallef Dr. D Scicluna, fejn intqal testwalment:

"In-nuqqas tal-ewwel Qorti li ssemmi l-artikolu, u f'dan il-każ ukoll ir-regolamenti, li jikkontemplaw ir-reati li tagħhom sabet ħtija, irendi s-sentenza appellata difettuża minn wieħed mir-rekwiżit essenzjali kontemplati fl-artikolu 382 għall-validità tas-sentenza. Is-sentenza appellata hi għalhekk nulla. Peress illi l-każ għandu jiġi eżaminat fid-dawl tal-artikoli u regolamenti rilevanti u applikabbli, din il-Qorti hi tal-fehma, li l-atti għandhom jiġu rimessi lill-ewwel Qorti sabiex ma tipprivax lill-partijiet, speċjalment lill-appellant, mill-benefiċċju tad-doppju eżami."

Illi l-esponenti jagħmel ukoll referenza għall-numru ta' sentenzi ta' din l-Onorabbli Qorti fejn kien hemm ksur tal-Ordni ta' *Probation* fosthom: ***Il-Pulizija vs Wilton Gatt et***[10]***, Il-Pulizija vs Wendy Gauci***[11]***, Il-Pulizija vs John Borg***[12] **u** ***Il-Pulizija vs Duranovic Coreschi***[13] fejn f'kull waħda minn dawn is-sentenzi, din l-Onorabbli Qorti dejjem kkwotat l-artikoli li tagħhom l-appellant kien qiegħed jinstab ħati in konnessjoni mal-ksur tal-Ordni ta' *Probation.*

Għaldaqstant, l-esponent umilment jissottometti illi stante l-mankanza tal-ewwel Onorabbli Qorti illi ssemmi l-artikoli kollha li taħthom instabet il-ħtija ai termini tal-artikolu 382 tal-Kap 9, din l-Onorabbli Qorti għandha tiddikjara s-sentenza appellata bħala nulla u bla effett u tirrimanda l-atti lura lil Qorti tal-Maġistrati biex il-każ jiġi deċiż skont il-liġi.

---

[10] Appell Nru. 403/2015 deċiża fit-28 ta' Settembru, 2017
[11] Appell Nru. 340/2007 deċiża fis-6 ta' Novembru, 2007
[12] Appell Nru. 427/2014 deċiża fil-15 ta' Diċembru, 2016
[13] Appell Nru. 549/2010 deċiża fl-14 ta' Settembru, 2011

2. AGGRAVJI FUQ IL-MERTU

2.1 L-EWWEL IMPUTAZZJONI – ĠRIEĦI GRAVI

2.1.1 Illi l-prosekuzzjoni ma laħqitx il-livell ta' prova rikjest mill-liġi biex l-appellant jinstab ħati tal-ewwel imputazzjoni

Illi preliminarjament jibda' biex jingħad illi l-appellanti ma għandu għalfejn jipprova xejn jew iressaq xi prova sabiex jipprova l-innoċenza tiegħu; filwaqt illi kif tiddetta l-liġi u del resto, anke' jgħallmuna l-Qrati tagħna, hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, w cioè *beyond reasonable doubt*.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-akkużi addebitati lill-imputat huma veri w dan għaliex kif jgħid il-Manzini fil-ktieb tiegħu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

> *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit."*

F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Diċembru, 1997 fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija v Peter Ebejer***, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubbji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis c-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

L-obbligu li tipprova l-ħtija tal-akkużati irid ikun assolut, oltre kull dubju dettat mir-raġuni u f'każ li jkun hemm xi dubju raġonevoli, il- Prosekuzzjoni tiġi kunsidrata li ma ppruvatx il-każ tagħha ta' ħtija u għalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti abbraċċjat ix-xhieda tal-parte ċivile, kif jgħidu, a *bocca baciata,* liema xhieda però, mhxu biss ma hija korroborata bl-ebda prova oħra, iżda iktar minn hekk, diffiċilment tgħaddi mit-test u l-linji gwida indikati fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. Illi l-appellant huwa konxju minn dak li jgħid l-artikolu 638(2)

tal-Kodici Kriminali fejn jingħad illi xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu l-Qorti tkun tista' ssib htija. Madanakollu, kif qalet din l-Onroabbli Qort, fis-sentenza *Il-Pulizija vs Edward Elton Xuereb*[14]:

> *"Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistriehu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – cioe' l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta."*

Illi jibda biex jingħad illi fl-atti ma hemm xejn li jikkorrobora l-istorja kkulurita illi ppreżentat il-parte ċivile. Ħlief għax-xhieda tal-istess GHI Paris, ma hemmx fraka ta' prova illi tpoġġi lill-appellant ġewwa Paceville fil-lejl ta' bejn id-9 u l-10 ta' Lulju, 2022. Apparti minn hekk, wieħed isibha diffiċli jifhem u jemmen ukoll kif, jekk verament seħħ l-inċident bid-dettalji u ċ-ċirkostanzi deskritti mill-parte civile, ħaġa tal-iskantament il-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda xhud ieħor pajżan li ra l-inċident – dan kollu meta l-lok huwa wieħed li apparti li jkun frekwentament dejjem minn nies li joħroġu ai fini ta' diverament, huwa wkoll frekwentat minn numru sostanzjali ta' bouncers u uffiċjali tas-sigurta.

Illi fix-xhieda tagħha il-parte ċivile tgħid li marret Paceville fuq invit ta' iben l-imputat, li skont il-parte ċivile kien iċemplilha numru kbir ta' drabi, madanakollu f'dawn l-atti la ġew ippreżentati il-call logs tal-mobile tal-parte civile u lanqas tressqu is-service providers biex jikkonfermaw illi veru kien hemm kuntatt bejn it-tifel tal-imputat u l-parte civile dakinhar tad-9 ta' Lulju, 2022. Illi huwa minnu illi l-prosekuzzjoni ressqet lil iben l-appellant biex jixhed, madanakollu, kif kellu kull dritt illi jgħamel, iben l-imputat għażel illi ma jixhidx fil-konfront ta' missieru. Apparti minn hekk, il-parte ċivile dejjem setgħet ppreżentat il-mobile tagħha f'dawn il-proċeduri biex isir l-analiżi fuqhu u joħorġu l-konverżazzjonijiet li kien hemm bejnha u bejn iben l-appellant, pero' għar-raġunijiet li ser ikunu msemmija fit-tielet aggravju tal-appellant,

[14] Appell Nru. 167/2020 deċiża fis-17 ta' Ġunju, 2025

senjatament illi l-mobile mhux veru kien imkisser (għax fil-fatt il-parte ċivile qalet li ħadet ir-ritratti bih[15]), dan ma ġiex ppreżentat.

Illi l-parte ċivile issemmi wkoll inċident illi ġara ġewwa l-istabbiliment bl-isem ta' '*Havana*' fejn, dejjem skont il-parte ċivile, l-appellant kellu argument ma xi tfajla, inħareġ mill-istabbiliment mill-bouncers u anke kellu argument mal-Pulizija barra l-istess stabbiliment '*Havana*'. Illi f'dan l-ambitu l-appellant jissottometti illi il-prosekuzzjoni anke hawnhekk setgħet faċilment, jekk veru hekk, tikkorrobora ix-xhieda tal-parte ċivile biex ma jkunx hemm dubju illi qed tgħid il-verità, imma dan ma sarx għax fil-fatt il-prosekuzzjoni, la ġabet tixhed lil dik il-mara li allegatament kellu argument magħha l-appellant, la lil bouncers u anqas lill-pulizija.

Illi filwaqt li fir-rigward tal-mara pajżana forsi l-pulizija investigattiva kellha tagħmel sforz ikbar mhux neċessarjament li jwassal għal riżultat li tiġi rintraċċata, madanakollu l-bouncers u l-uffiċjali tal-pulizija setgħu faċilment jiġu identifikati tramite l-iskeda tax-xogħol tagħhom.

Illi l-appellant jirrileva wkoll illi anqas CCTV waħda ma nġabet bħala prova tal-preżenza tal-appellant ġewwa Paceville dakinhar. Illi fattwalment, meta mistoqsija in kontro eżami a fol 361 tal-atti proċesswali, l-uffiċjal prosekutur l-Ispettur Audrey Micallef qalet hekk:

> *"Le Sinjura, ma rajthomx u r-raġuni hi meta tkellimt ma' l-IT Manager, jiena kif qal hu stess u kkonfermajt jiena kont imsiefra w ovjament meta ġejt jiena s-seba t'ijiem kienu għaddew u jiġu overwritten"*

Illi fl-ewwel lok, dan l-IT manager imsemmi mill-uffiċċjal prosekutur lanqas biss ma ġie mħarrek bħala xhud. Fit-tieni lok, jidher illi l-IT Manager illi qed issir referenza għalih huwa l-IT manager tal-istabbiliment *Hugo's*. Pero' huwa fatt mgħaruf illi Paceville u speċjalment fl-area fejn allegatament ġara l-inċident hemm numru kbir ta' cameras tas-sigurtà. Huwa possibbli li dawn is-CCTV's ġew kollha overwritten? Anke jekk kif qalet l-uffiċjal investigattiv, hi personalment kienet imsiefra u ma setgħetx

[15] Ara fol 75 tal-atti proċesswali

tinvestiga kif suppost u ġialadarba tat istruzzjonijiet lil PS 2223 Charlene Calleja biex tieħu l-verżjonijiet tal-parte ċivile u tal-appellant, setgħet ukoll tat istruzzjonijiet lill-istess surġent biex tinvestiga aktar fil-fond il-każ u tipprokura is-CCTV's li setgħu inkwadraw dan l-allegat inċident.

Illi f'dan l-ambitu issir referenza għal dak li qalet din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza *Il-Pulizija vs Edward Elton Xuereb,* diġà ċċitata aktar il-fuq, fejn f'kuntest simili ingħad:

> *"Huwa minnu li xhud wieħed jekk emmnut jista' jwassal lill-Qorti għad-deċiżjoni tagħha, madankollu jekk hemm provi oħrajn li jistgħu jgħinu lill-Qorti tasal għal din id-deċiżjoni, il-prosekuzzjoni għandha tressaqhom ukoll. Setghu facilment jinħatru esperti taħt il-kappa tal-inkjesta sabiex isir aċċess u jittiehdu ritratti tal-fond fejn sar l-allegat akkadut; jinħatru esperti medici sabiex jevalwaw sew lil parti leza u l-marki li kellha fuq gisimha; CCTV footages biex naraw il-komportament tal-parti leza meta ħarget mill-fond tal-appellant; jiġi kkonfermat kienx hemm xi ġirien li semgħu xi ħaġa fost oħrajn. F'kazijiet bħal dawn, fejn il-Qorti spiss tkun rinfaċċata b'verżjonijiet kuntrastanti għall-aħħar, huwa t'importanza kbira li jitressqu l-provi kollha li għandhom jitressqu."*

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti tagħmel ukoll referenza għal l-email li allegatament rċeviet il-parte ċivile[16] u li allegatament intbgħatet mill-appellant bħal li kieku din kienet xi ammissjoni minn naħa tal-appellant. Illi b'kull rispett, fl-ewwel lok, ma hemm l-ebda' prova in atti illi din l-email effettivament intbgħatet minnhu. Illi fit-tieni lok, jirriżulta in atti anke mix-xhieda tal-istess parte ċivile[17] illi l-istess appellant kien għamel rapport lis-sezzjoni tas-*Cybercrime* tal-pulizija, illi l-email tiegħu kien ġie aċċessat minn terżi persuni u fil-fatt il-parte ċivile kienet anke ġiet mitkellma fuq dan. Apparti minn hekk, fl-atti jirriżulta[18] illi hemm screenshots mill-mobile tal-istess appellant li juru li xi ħadd aċċessalu l-email tiegħu meta ma kienx awtorizzat jagħmel hekk. Illi b'kull rispett, biex jiġi kkonfermat illi kien l-istess appellant illi bgħat dik l-email, kellu jkun hemm prova aktar sodisfaċenti u mhux biss tiġi ppreżentata l-email per se li dwarha, tenut kont iċ-ċirkostanzi kollha su riferiti, hemm iktar dubji milli ċertezzi. Il-prosekuzzjoni kellha tipprova mingħajr dubju dettat mir-raġuni illi kien l-

[16] Dok SP 3 a fol 74
[17] Fol 57 u 58
[18] Dok KB1 (li jinsab wara fol 323 u mhux numerati)

istess imputat li bgħat dik l-email u dan anke in vistà tal-fatt illi l-imputat kien irrapporta illi xi ħadd kien qed jaċċessa l-email tiegħu minn postijiet oħra.

Illi umilment jigi sottomess għalhekk illi l-verdett milħuq mill-Ewwel Qorti ma huwiex '*safe and satisfactory to be confirmed on appeal*'. Issa, għalkemm il-ġurisprudenza nostrana kemm il-darba tenniet illi l-Qorti tal-Appelli Kriminali ma għandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi tal-Ewwel Qorti, l-istess ġurisprudenza tgħid illi dan għandu jsir jekk dan l-apprezzament kien wieħed żbaljat, sabiex titwettaq ġustizzja. Infatti, fil-kawża bl-ismijiet *Il-Pulizija vs. Noel Buhagiar*[19] il-Qorti eżerċenti s-setgħa ta' Appell Inferjuri spjegat:

> *"Illi dan l-appell hu impernjat fuq l-apprezzament tal-fatti li sar mill-ewwel Qorti. Issa, kif dejjem ġie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-ġudizzju tagħha għal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta t' apprezzament tal-fatti, iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet għaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rriżultawlha setghetx tasal għaliha fuq bazi ta' liġi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem ieħor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx waħda "safe and satisfactory" fid-dawl tar-riżultanzi. (Ara. App. Krim. "Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et" [12.5.94] ; "Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud" [11.7.94]; "Il-Pulizija vs. Joseph Zahra" [10.5.2002] u ohrajn)"*

Kif ukoll l-istess Qorti fil-kawza fl-ismijiet *Il-Pulizija v. Antoine Agius*[20] mogħtija nhar it- tnax (12) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) rriteniet:

> *"Illi hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konkluzjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konkluzjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-ewwel Qorti, izda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konkluzjoni tagħha.* ***Jekk din il-Qorti tasal għall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."***

Għaldaqstant, l-esponenti appellant umilment jissottometti illi l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi miġjuba quddiemha u mill-provi illi

[19] Appell Nru. 430/2007 deċiża fl-10 ta' April, 2008
[20] Appell Nru. 366/2013 deċiża fit-12 ta' Mejju, 2015

kellha quddiema ma setgħatx raġonevolment tasal għall-konkluzjonijiet li waslet għaliha u skorretament sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjoniji kif dedotti. In vistà ta' dan l-imputat jitlob illi jiġi liberat minn kull imputazzjoni u ħtija.

2.1.2 Illi l-isfreġju diġà kien jeżisti qabel ma ġara l-inċident

Illi mingħajr preġudizzju għal dak illi ingħad akar il fuq fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni u f'każ li din l-Onorabbli Qorti ma jgħoġobiex tilqa' l-ewwel parti ta' dan l-aggravju fis-sens illi tkun konvinta moralment illi l-appellant kien fattwalment ikkaġuna xi forma ta' ġrieħi fuq il-parte ċivile GHI, l-esponenti jikkontendi illi huwa ma kellux jinstab ħati ai termini tal-artikolu 216(1)(b) ossia ta' ferita gravi, imma semmai ta' ferita ħafifa ai termini tal-artikolu 221 tal-Kodiċi Kriminali u dan għaliex il-ħsara fuq is-sinna kienet preżenti qabel ma ġara l-inċident.

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti rabtet l-ewwel imputazzjoni ta' ġrieħi gravi mal-fatt illi wara l-inċident de quo, il-parte ċivile GHI spiċċat b'sinna imtajjra u għaldaqstant sabet lill-appellant ħati ta' ferita gravi biss fuq dan il-fatt. Illi biex waslet għal din il-konkluzjoni, l-Ewwel Onorabbli Qorti straħet fuq ir-ritratti prodotti mill-istess parte ċivile u l-opinjoni tal-espert mediku Dr. Mario Scerri, li frankament ukoll straħ fuq ritratt provdut mill-parte ċivile biex ħareġ b'din il-konkluzjoni.

Illi l-gravam tal-esponenti huwa, li l-Ewwel Qorti naqset illi tagħmel referenza għal fattur importanti ħafna li joħroġ mill-provi li jgħamlu parti f'dawn l-atti u hawnhekk l-appellant qiegħed jagħmel referenza kemm għax-xhieda mogħtija mid-dentista Dr. Lorraine Caruana fl-14 ta' Ottubru, 2024, u kif ukoll għax-xhieda in kontro eżami li tat l-istess parte ċivile fil-25 ta' Jannar, 2024.

Illi fl-ewwel lok, il-parte ċivile sfaċċatament ma qaltix il-verità fir-rigward tal-ħsara illi kien hemm fis-sinna u dan qiegħed jingħad għall-fatt illi meta mistoqsija in kontro eżami, GHI qalet illi is-sinna inqasmet minn nofsha[21]. Illi ma tridx tkun xi espert odotontologu biex tirrikonoxxi li s-sinna ma kienitx maqsuma minn nofsha imma kienet biss imxellfa minn naħa waħda biss u hawnhekk issir referenza għar-ritratti

---

[21] Fol 380 tal-atti proċesswali.

preżentat mill-istess parte ċivile (Dok SP1) a fol 74 tal-atti li jikkonferma dan illi qiegħed jingħad mill-appellant.

Illi apparti minn hekk, anke fix-xhieda tagħha in kontro-eżami, tgħid li meta kellha sitt snin xellfet tarf mis-sinna u kellha dik il-biċċa msewwija[22]. Illi fl-ewwel lok dak li qed tgħid il-parte ċivile ma għandux mis-sewwa; in kwantu filwaqt li hija tikkonċedi li l-istess sinna kienet diġa inkisritilha fil-passat, madanakollu tallontana tali inċident għal meta kellha 6 snin, meta però, huwa ben risaput illi t-tfal ta' dik l-età ikunu qed ibiddlu is-snien u għaldaqstant huwa inverosimili illi ta' sitt snin tkun xellfet is-sinna u rrangatha u tibqa' bl-istess filling. Fit-tieni lok, mix-xhieda tad-dentista Lorraine Caruana jirriżulta wkoll illi kienet diġà ħadmet fuq is-sinna fl-2017 u hawnhekk issir referenza għax-xhieda tal-istess dentista a fol 436 tal-atti fejn qalet is-segwenti:

"Dr. Lorraine Caruana :	*Le, le jiena ħdimt emm fuq sinna, mela tini minuta ħa nirreferi għal-x-ray, però le s-sinna kienet sinna naturali. Emm, ħa nerġà, ħa nerġa nara l-x-ray jekk ma jimpurtax. Mela, mela, s-sinna kienet diġà constructed, jiġifieri, hi diġà kellha fillings.*
DEF:	*Ok.*
Dr. Lorraine Caruana:	*Qed nirreferi għal-x-ray li kont ħadt fit-two thousand seventeen."*

Illi għaldaqstant, huwa ċar kemm mix-xhieda tal-parte ċivile stess u kif ukoll mix-xhieda tad-dentista Dr. Lorraine Caruana illi <u>fil-lejl ta' bejn id-9 u l-10 ta' Lulju, 2022, is-sinna in kwistjoni kienet diġà rikorstuwita u kull ma ġara dakinhar huwa li l-parte ċivile tilfet dik il-parti li kellha rikostruwita</u>. Illi b'kull dovut rispett dan ma jikkostitwix ferita gravi, jekk id-dannu ikun diġa sar b'inċident ieħor preċedenti li miegħu ma kellux x'jaqsam l-appellant, dan ma għandux ibati għalih u għalhekk l-appellant qiegħed jikkontesta l-fatt illi nstab ħati ta' ferita gravi u qiegħed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tilliberah mill-imputazzjoni ta' ferita gravi u fl-agħar ipoteżi, issibu ħati ta' ferita ħafifa.

[22] ibid

2.1.3 Il-klassifikazzjoni tal-ġrieħi bħala feriti gravi

Illi mingħajr pregudizzju għal dak illi ngħad aktar il-fuq f'dan l-aggravju, senjatament fir-rigward tal-fatti prodotti fil-kors ta' din il-kumpilazzjoni, u anke jekk għall-grazzja tal-argument u għall-grazzja tal-argument biss, wieħed jinjora l-fatt li l-istess sinna kienet diġa imkissra u ġiet *reconstructed* qabel l-allegat inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, l-esponenti jirrileva illi l-Ewwel Onorabbli Qorti, legalment u fattwalment anqas setgħet waslet għall-konkluzjoni illi waslet għaliha meta sabet ħtija fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, u dan għaliex il-ħsara li qed tiġi ravvizata mill-parte ċivile ma tikkostitwix ferita gravi ai termini tal-artikolu 216(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali.

Illi dan qiegħed jingħad in vista' tal-ġurisprudenza lokali fejn tidħol il-klassifikazzjoni tal-ġrieħi, fejn huwa risaput illi l-kwistjoni ta' jekk offiża hix ħafifa jew gravi hija kwistjoni ta' fatt u għaldaqstant hija kompitu tal-ġudikant illi jiddeċiedi u b'kull rispett, ma hix xi klassifikazzjoni medika li toħroġ minn xi ċertifikat ta' tabib u kif kkwotat l-istess Onorabbli Qorti *'Ikun jispetta mbagħad għall-ġudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib iżda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza'*[23]

Illi, in sostenn ta' dan, huwa wkoll palesi illi l-Qorti tista' tasal għal-konkluzjoni differenti minn dik tat-tobba u l-espert tal-Qorti. Dan il-prinċipju ġie affermat minn din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza *il-Pulizija vs Francis Dingli*[24] fejn ingħad illi:

> *"għall-finijiet ta'l-artikolu 216 jekk hemmx sfeġju jew le hi kwistjoni ta' fatt rimessa għall-ġudikant … u dan kien perfettament intitolat li jasal għal konkluzzjoni differenti minn dik li wasal għaliha l-espert tal-Qorti"*

Illi dwar l-isfreġju u t-telf ta' snien il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ukoll kellha l-opportunita tippronunzja ruhha. Fil-kawza *Pulizija vs Paul Spagnol*[25] din l-Onorabbli Qorti qalet hekk:

---

[23] Appell Nru. 193/2003 *Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi* deċiża fit-30 ta' Lulju, 2004 u kkwotata wkoll mill-Ewwel Qorti a fol 17 tas-sentenza appellata.

[24] Appell Nru. 278/1995 deċiża fit-12 ta' Settembru, 1996

[25] Appell Nru. 332/1995 deċiża fit-12 ta' Settembru, 1996

"B'mankament fil-wiċċ il-ligi qed tirreferi għal kull deterjorament tal-aspett tal-wiċċ li, anke mingħajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduċi sfigurament "cioe' peggioramento d'aspetto notevole o complessivo o per l'entita' della alterazione stessa, o per l'espressione d'assieme del volto". Sfreġju, mill-banda l-oħra u a differenza ta' mankament, hija kull ħsara li tista' ssir fil-regolarita' tal-wiċċ, fl-armonija tal-lineamenti tal-wiċċ, u anke f'dik li hija s-sbuħija tal-wiċċ. Skont ġurisprudenza ormai pacifika, din il-ħsara li tammonta għal sfreġju trid tkun viżibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin"

....

"Huwa veru li s-snin mhux parti mill-wiċċ għalkemm it-telf ta' ħafna snien jista' jġib kemm sfeġju kif ukoll mankament minħabba l-effett li jistgħu jħallu fuq il-wiċċ u speċjalment fuq ir-reġjun tal-ħalq"

Illi in vista' ta' din il-ġurisprudenza, il-fatt illi f'dan il-każ qed nitkellmu mhux fuq telf ta' snien imma parti minn sinna u il-fatt ukoll illi dan it-telf ma ħalla l-ebda effet fuq il-wiċċ hekk kif evidenzjat anke mir-relazzjoni u r-ritratti tal-espert tal-Qorti Dr. Mario Scerri wieħed għandu għaldaqstant jikkonkludi illi f'dan il-każ ma kienx hemm sfreġju u l-imputazzjoni ai termini tal-artikolu 216(1)(b) ma tirriżultax. Għal-din ir-raġuni l-appellant għandu jiġi liberat mill-akkuża ta' ferita gravi u fl-agħar ipoteżi għall-appellanti u l-aħjar ipotezi għall-prosekuzjoni, bir-rispett din l-Onorabbli Qorti tista' issibu ħati biss ta' ferita ħafifa.

2.2 Il-ĦAMES IMPUTAZZJONI – ĦSARA VOLONTARJA

Illi l-appellant fil-kuntest tal-ħames imputazzjoni jirrileva illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet skorretta fil-kunsiderazzjonijiet tagħha vis-a-vis din l-imputazzjoni u dan qiegħed jingħad għax l-Ewwel Onorabbli Qorti qatt ma setgħet tieħu in konsiderazzjoni ir-ritratt esebit bħala SP1.

Illi fl-ambitu ta' dan, l-appellant jirrileva illi:

i. Fix-xhieda tal-istess parte ċivile a fol 75 tal-atti, ingħad is-segwenti:

"Qorti: *SP1 (għaxar ritratti) u min ħadhom dawn?*

Xhud: *L-ewwel wieħed jien... le kollha jiena ta... dan ħabiba tiegħi, Maria.*

Qorti:	*Ifridli dawk li hadt inti u dawk li m'humiex, arahom naqra bil-kwiet.*
Xhud:	*Ok.*
Qorti:	*Ritratti meħuda mill-parte ċivile huma SP1. Li jikkonsistu f'disgħa ritratti meħudha mix-xhud. SP 2 huwa ritratt wieħed, mhux meħux mix-xhud.*
Av:	*SP1 li huma li ħadt init min effettivament?*
Xhud:	*Jien ħadthom bil-mobile jiena."*

Illi l-esponenti jirrileva illi l-prosekuzzjoni ma ressqitx lill-ħabiba tal-parte ċivile 'Maria' biex tikkonferma l-imsemmi ritratt u għaladaqstant, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħet qatt tieħu in konsiderazzjoni tali ritratt bħala prova. Illi għaldaqstant, fir-rigward tar-ritratt esebit a fol 75, l-esponenti umilment jissottometti illi dan ma ġiex konfermat bil-gurament minn min ħadu, u kwindi tali dokument għandu jiġi ddikjarat inammissibli. Fi proċeduri krimnali, kull dokument irid jiġi kkonfermat bil-ġurament mill-awtur stess ta' dak id-dokument. Dan qed jingħad mhux biss għaliex il-provi kollha fi proċeduri penali għandhom neċessarjament jiġu kkonfermati bil-ġurament *sine qua non,* iżda wkoll fid-dawl tal-ġurisprudenza nostrana fosthom il-kawża ir-***Repubblika ta' Malta vs David sive David Norbert Schembri***[26].

Illi in vista' ta' dan l-appellant qatt ma seta jinstab ħati illi kkaġuna ħsara stante illi l-unika prova li kien hemm kienet ix-xhieda tal-istess parte ċivile, li frankament tgħidilna wkoll illi ħadet ir-ritratti bl-istess mobile. Hawnhekk wieħed jistaqsi kemm persuna tista' tieħu ritratt bl-iscreen tal-mobile phone imkisser, speċjalment meta l-istess mobile phone kien '*touch screen*'.

ii. Illi fit-tieni lok u strettament mingħajr preġudizzju għal dak illi ingħad aktar il-fuq, l-esponenti jagħmel referenza għall-ġurisprudenza ta' din l-

[26] Deċiza mill-Qorti Kriminali (Eccez Preliminari) nhar il-31 ta' Mejju 2007

Onorabbli Qorti in materia, fejn fis-sentenza *Il-Pulizja vs Joseph Zahra*[27] ġew indikati il-parametri ta' kif il-Qorti għandha issib ħtija ai termini tal-artikolu 325 tal-Kodiċi Kriminali:

> *"It-tieni aggravju hu li ma nġabitx l-aħjar prova dwar il-ħsara kaġunata fil-vettura tal-Gvern. L-appellant għandu, in parti, raġun. L-istima magħmula mix-xhud Paul Borg (ara d-dokument CC ezibit mix-xhud Charles Caruana) hija opinjoni ex parte u mhux ta' perit nominat mill-qorti. Fin-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet u salv dak li jingħad fis-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 325, biex tiġi determinata l-ħsara għall-finijiet ta' l-Artikolu 325(1) tal-Kodiċi Kriminali (moqri ma' l-Artikolu 335 ta' l-istess Kodici) din trid (i) jew tiġi apprezzata direttament mill-ġudikant, fis-sens li jekk il-ġudikant ikun jifhem biżżejjed jista' jiddetermina huwa stess l-ammont tal-ħsara billi jeżamina l-oġġett in kwistjoni; jew (ii) il-parti leza tgħid kemm effettivament ħallset biex issir it-tiswija ta' jew fi l-oġġett; jew (iii) billi jitqabbad perit mill-qorti biex jagħti l-fehma tiegħu dwar l-ammont tal-ħsara. F'dan il-każ ma tqabbad ebda perit."*

Illi fl-umli fehema tal-esponenti, l-ebda waħda mit-tlett opzjonijiet li semmiet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza appena ċitata ma jirriżultaw u dan għaliex fl-ewwel istanza, l-mobile in kwistjoni ma ġiex esebit u għaldaqstant il-Qorti ma setgħetx teżaminah. Fit-tieni lok, il-parte leża ma qalitx li għamlet xi tiswijiet fuq l-istess mobile, u fit-tielet lok l-ebda perit ma nħatar mill-Ewwel Onorabbli biex jagħti l-fehma tiegħu fir-rigward tal-ħsara.

Illi in konkluzjoni, l-esponenti jixtieq jirreleva numru ta' fatti li jemanu mis-sentenza appellata u li huma marbuta mal-ħames imputazzjoni. Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti qalet hekk fir-rigward ta' din l-imputazzjoni:

> *"Minkejja n-nuqqas ta' indikazzjoni tal-valur tal-ħsara, jirriċulta b'mod ċar li l-ħsara saret u għaldaqstant din il-Qorti fil-waqt li sejra tgħaddi sabiex issib ħtija ta' din il-imputazzjoni, fil-kalibrazzjoni tal-piena ħa tieħu konjizzjoni tal-fatt li ma nġabitx prova li l-valur jeċċedi l-ammont ta' għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29) u ta' dak indikat fir-raba' proviso ta' l-artikolu 325 li jgħid:*

[27] Appell Nru. 272/2002 deċiża fl-24 ta' Frar, 2003

Iżda wkoll fil-każ ta' ħsara lill-proprjetà pubblika, il-piena tiżdied bi grad jew tnejn, u l-ħati għandu jiġi ikkundannat iħallas multa ekwivalenti għall-ħsara li tkun saret.

Madankollu, minkejja dak li jipprovdi dan il-proviso, il-Qorti qatt ma ġiet provduta l-ammont tal-ħsara u l-prosekuzzjoni qatt ma ppreżentat prova f'dan ir-rigward jew għamlet talba sabiex jiġi stabbilit dan il-valur. Għalhekk din il-Qorti ma tistax timponi l-multa f'din il-proviso stante li qatt ma ġie stabbilit l-ammont tal-ħsara."[28]

Illi minn qari akkurat ta' din il-parti tas-sentenza jirriżulta illi l-appellant, instab ħati ta' ħsara volontarja ai termini tal-artikolu 325(1)(d) u wieħed jifhem ukoll illi l-Ewwel Onorabbli Qorti applikat iż-żieda prevista fir-raba' proviso tal-artikolu 325.

Illi fl-ewwel lok, l-esponenti ma jistax jifhem għalfejn l-Ewwel Onorabbli Qorti semmiet ir-raba' proviso tal-artikolu 325 tal-Kodiċi Kriminali li jitratta, propjetà pubblika, meta mill-atti ma rriżultat l-ebda ħsara fi propjetà pubblika.

Illi fit-tieni lok, dak li qalet l-Ewwel Onorabbli Qorti fil-korp tas-sentenza ma huwiex rifless fid-deċide. Dan qiegħed jingħad għax meta semmiet l-artikoli li tagħhom setgħet tinstab ħtija, l-ewwel Qorti semmiet l-artikolu 325(1)(c) u mhux l-artikolu 325(1)(d) u apparti minn hekk, fil-parti dispositiva, sabet lill-appellant ħati skont il-ħames akkuża li ma jirriflettix dak li qalet fil-korp tas-sentenza.

Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponent umilment jissottometti illi kellu jiġi liberat anke mill-ħames imputazzjoni ta' ħsara volontarja stante illi l-prosekuzzjoni ma laħqitx il-livell ta' prova rikjest mill-liġi biex din l-imputazzjoni tissussisti.

2.3 IS-SEBA' IMPUTAZZJONI – KSUR TAL-ORDNI TA' *PROBATION*

2.3.1 Eċċezzjoni tan-*ne bis in idem*

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti sabet lill-appellant ħati tas-seba' akkuża ossia, illi kkommeta reat waqt li kien taħt ordni ta' *probation*, liema sentenza ingħatat mill-Qorti

[28] Fol 21 u 22 tas-sentenza appellata

tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Dr. Astrid May Grima, LL.D. nhar l-10 ta' Mejju, 2021 u liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Illi l-appellant jikkontendi illi ma setax jinstab ħati ta' din l-akkuża stante illi kien diġa kkundannat darba oħra għall-istess reat. F'dan il-kuntest, issir referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-21 ta' Frar, 2022 per Maġistrat Noel Bartolo ppreżentata in atti mill-istess prosekuzzjoni[29] fejn l-appellant kien digà kkundannat għall-ksur tal-ordni ta' *probation* imsemmi mill-prosekuzzjoni.

Illi għaldaqstant, l-appellant, spiċċa akkużat u misjub ħati darbtejn tal-istess reat. Illi dan imur kontra l-prinċipji naturali tal-ġustizzja u huwa propju dak illi l-prinċipju tan-*ne bis in idem* jipprojbixxi.

Illi l-prinċipju tan-*ne bis in idem* mhux biss huwa sanċit fil-Kodiċi Kriminali fl-artikolu 527 li jgħid:

> *'Wara sentenza li f'kawża tillibera imputat jew akkużat, danma jistax għall-istess fatt ikun suġġett għal kawża oħra.'*

Imma anke fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jgħid:

> *"Ebda persuna li turi li tkun għaddiet proċeduri quddiem xi qorti kompetenti għal reat kriminali u jew tkun ġiet misjuba ħatja jew liberata ma għandha terġa' tgħaddi proċeduri għal dak ir-reat jew għal xi reat kriminali ieħor li għalih setgħat tiġi misjuba ħatja fil-proċeduri għal dak ir-reat ħlief wara ordni ta' qorti superjuri mogħti matul il-kors ta' appell jew proċeduri ta' reviżjoni dwar iddikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni; u ebda persuna ma għandha tgħaddi proċeduri għal reat kriminali jekk turi li tkun ħadet il-maħfra għal dak ir-reat:"*

Illi b'referenza għall-artikolu 527 jiġi rilevat illi għalkemm l-artikolu tal-Kodiċi Kriminali jirreferi għall-liberazzjoni u mhux dwar kundanna, il-Qrati dejjem inkludew f'dan l-ambitu il-każ ta' fejn persuna tkun diġà misjuba ħatja tal-istess reat.

[29] A fol 300 tal-atti proċesswali

Fil-fatt, fis-sentenza, ta' din l-Onorabbli Qorti, *Il-Pulizija vs Joseph Balzan*[30] jingħad hekk:

> *"Hu appena neċessarju li jiġi osservat li għalkemm din id-disposizzjoni titkellem dwar il-liberazzjoni ta' dak li jkun, u mhux ukoll dwar il-kundanna tiegħu, il-qrati tagħna dejjem interpretawha bħala li tinkludi wkoll il-każ fejn persuna tkun giet misjuba hatja ta' l-istess fatt (ara **Il-Pulizija v. Anthony Vella et.** App. Krim., 19 ta' Frar 1999; **Il-Pulizija v. Adrian Cassar Galea** App. Krim., 20 ta' Novembru 2000)."*

Illi ssir ukoll referenza għas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti, *Il-Pulizija vs George Azzopardi*[31] fejn fir-rigward tal-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem* ingħad illi:

> ***"****L-interpretazzjoni korretta li għandha tingħata din id-diċitura hi li persuna ma tistax tinġieb il-Qorti twiegeb għal akkużi li dwarhom ġià għadda in ġudikat**"***

Illi b'referenza għas-sentenza appena ċċitata, huwa propju dan illi qiegħed isir, il-prosekuzzjoni qegħda terġa tressaq lill-appellant fuq reat illi tiegħu diġà instab ħati u agħar minn hekk l-ewwel Qorti regħet sabet ħtija ta' dan l-istess reat.

Illi għaldaqstant a bażi tal-ġurisprudenza kopjuża ta' din l-Onorabbli Qorti fir-rigward tal-prinċipju tan-*ne bis in idem*, l-appellant għandu jiġi liberat minn tali imputazzjoni u l-konsegwenti piena.

2.3.2 Illi l-Ordni ta' *Probation* imsemmija fis-seba' imputazzjoni ma kienitx fis-seħħ fid-data tal-10 ta' Lulju, 2022

Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem* msemmija hawn fuq, l-appellant jissottometti wkoll illi, in vista tal-fatt illi l-appellant kien diġà misjub ħati tal-ksur tal-Ordni ta' *Probation* imposta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-10 ta' Mejju, 2021 u dan permezz tas-sentenza ta' dik l-istess Qorti tal-21 ta' Frar, 2022, l-appellant anqas ma seta' jinstab ħati tal-ksur tal-ordni ta' *Probation* u dan għas-sempliċi fatt illi dik l-Ordni ta' *Probation* ma kienitx viġenti meta l-appellant allegatament ikkommeta ir-reati postulati f'dawn il-proċeduri.

---

[30] Appell Nru. 505/2010 deċiża fl-20 ta' Lulju, 2011
[31] Appell Numru 206/2012 deċiża fit-23 ta' Jannar 2014

Illi dan qiegħed jingħad anke in vista tal-artikolu 10(4) tal-Kap 446[32] li senjatament jgħid hekk:

> *"(4) Meta, taħt id-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-Att, min ikun taħt probation jingħata sentenza għal reat li dwaru jkun tqiegħed taħt probation, l-ordni ta' probation għandha ttemm milli tibqa' jkollha seħħ. Il-qorti għandha tordna li kopja tas-sentenzatintbagħat mingħajr ebda dewmien lid-Direttur"*

Illi għaldaqstant, in vista' tal-fatt illi l-appellant fil-21 ta' Frar, 2022 kien diġà ġie kkundannat għal-ksur tal-ordni ta' *probation*. Dik l-ordni ma kienitx għada fis-seħħ fl-10 ta' Lulju, 2022 u konsegwentement ma setax jinstab ħati li kiser Ordni ta' *Probation* li ma kienx għadu fis-seħħ u għaldaqstant l-appellant għandu jiġi liberat mis-seba' imputazzjoni u l-konsegwenti piena inflitta fuqhu fir-rigward.

3 AGGRAVJI FUQ IL-PIENA

Illi preliminarjament, u sabiex jiġi evitat kwalsiasi malintiz, jiġi ċċarat illi dan l-aggravju dwar il-piena qed jinġieb il-quddiem strettament mingħajr preġduzzju dwar l-aggravji kollha preċedenti. Illi magħmulha tali kjarifika l-appellanti umilment jirrileva illi f'każ li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tilqa' wieħed jew iktar mill-aggravji dwar il-mertu supra elenkati, dan minnu inniffsu għandu jwassal għal temperament, ossia riduzzjoni fil-piena tenut kont in-natura tal-agravvji, kif ukoll għax fl-umili fehma tal-esponenti huwa evidenti illi hemm numru ta' akkużi illi l-appellant ma kellux jinstab ħati tagħhom.

3.1 IS-SITT IMPUTAZZJONI – IL-KSUR TA' SENTENZA SOSPIŻA

Illi l-ewwel Onorabbli Qorti taħt il-kap intitolat *'Is-sitt (6), is-seba' (7) u tmien (8) imputazzjonijiet – Reat imwettaq waqt Probation Order u Sentenza Sospiza u l-Addebitu tar-Reċidiva'* qalet hekk:

> *"Illi mill-atti, jidher car li prova ta' dawn is-sentenzi saret a Fol. 165-175 u 303- 305 rispettivament u ghalhekk, ai termini tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti tista' tittratta lill-imputat għar-reat li dwaru tkun saret dik l-*

[32] L-Att dwar il-*Probation*

ordni b'kull mod li tista' tittrattah bhallikieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati quddiemha għal dak ir-reat. Ai termini tal-Artikolu 28B(1) tal-Kodici Kriminali, minhabba li r-reati addebitati fil-konfront tal-imputat igibu pieni ta' prigunerija, u dawn saru waqt il-perijodu operattiv ta'sentenza sospiża, din il-Qorti hija tenuta li tordna li s-sentenza sospiża għandha tibda isseħħ b'zieda mal-piena applikabbli f'dan il-kaz. Finalment, ai termini tal-Artikolu 50 tal-Kodici Kriminali, il-piena ghar-reat de quo ghandha tizdied bi grad."

Illi senjatament fir-rigward tas-sentenza sospiża, l-Ewwel Onorabbli Qorti ddikjarat li '*hija **tenuta**[33] li tordna li s-sentenza sospiża għandha tibda isseħħ'*, b'dan li l-Ewwel Onorabbli interpretat ksur ta' sentenza sospiza bħala li tassivament iġib miegħu l-effett li s-sentenza sospiża tidħol fis-seħħ, mingħajr ebda alternattiva jew diskrezzjoni lill-Qorti. Dan ir-raġunament però, bir-rispett huwa wieħed skorrett, billi assolutament mhux minnu li l-Qorti hija ***'tenuta'* ossia obbligata skond il-liġi,** li iġġib is-sentenza sospiża fis-seħħ. Dan billi s-sub-artikolu (2) tal-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jagħti diskrezzjoni lil Qorti li f'ċertu ċirkostanzi s-sentenza sospiza jew tiġi estiza, jew inkella l-Qorti tasjteni milli tagħmel ordni skon dis-sub-artikolu(1).

Konsegwentament, tali raġunament mhux biss huwa legalment skorrett iżda wkoll jkompli jsaħħaħ dan l-aggravju dwar il-piena, in kwantu l-esponenti huwa tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi, f'każ ta' ħtija kellu jingħata piena iktar miti.

Dan kollu dwar x'jista' jsir mill-Qorti f'każ ta' ksur ta' sentenza sospiża, mhux qed jingħad biss mill-appellant imma hija l-liġi stess illi tgħidu, fil-fatt, l-Ewwel Onorabbli Qorti ai termini tal-artikolu 28B(2):

"hija tista' tittratta mal-ħati b'xi wieħed minn dawn il-metodi li ġejjin:

(a) tista' tastjeni milli tagħmel ordni bis-saħħa tas-subartikolu (1) u l-perijodu operattiv għandu f'dak il-każ jibqa' fis-seħħ; jew

(b) tista' b'ordni tibdel l-ordni oriġinali magħmul bis-saħħa tal-artikolu 28A(1) billi minflok il-perijod uoperattiv hemm speċifikat tagħmel perijodu li jkun jiskadi mhux iktar tard minn erba' snin mid-data tal-bdil."

---

[33] Sottolinear tal-appellanti

Illi għaldaqstant u in vista' tas-suespost, u anke in vista' tal-aggravji dwar il-mertu li huma diġa ssenjalati f'dan l-appell u f'każ li din l-Onorabbli Qorti ssib xi forma ta' ħtija fl-esponenti, huwa jikkontendi illi semmai, din l-Onorabbli Qorti għandha tapplika id-dettami tal-artikolu 28B(2) u testendi il-perjodu tas-sentenza sospiża inflitta permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-21 ta' Frar, 2022 per Maġistrat Dr. Noel Bartolo.

3.2 IT-TMIEN IMPUTAZZJONI - L-ADDEBITU TAR-REĊIDIVA

Illi b'referenza għall-istess kap tas-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti imsemmi preċedentement, l-ewwel Onorabbli Qorti tgħid illi sabet lill-appellant ħati ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali a bażi tas-sentenzi esebiti a fol 165 sa 175 u 303 sa 305.

Illi, l-ewwel sentenza li l-Ewwel Onorabbli Qorti tirreferi għaliha a fol 165 sa 175, hija is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Dr. Astrid May Grima, LL.D. nhar l-10 ta' Mejju, 2021 fejn l-appellant ġie kkundannat għal-Ordni ta' *Probation*. It-tieni sentenza li ssir referenza għaliha, a fol 303 sa 305 hija is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-21 ta' Frar, 2022 per Maġistrat Noel Bartolo fejn l-appellant ġie kkundannat għall-sitt xhur priġunerija sospiżi għall-sentejn ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9.

Illi, l-appellant jirrileva illi l-ebda waħda minn dawn is-sentenzi ma tista' tiġi kkunsiderata għal-addebitu tar-reċidiva, u dan għas-segwenti raġunijiet:

i. <u>L-ebda waħda minn dawn is-sentenzi ma ġiet skontata ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali.</u>

   Illi l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali jistipola li:

   > *"Meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor."*

Kwindi jidher ċar li f'dan il-kaz, biex tkun tista' togħla l-piena bi grad wieħed, jehtieg li jkun pruvat li gie kommess reat ieħor fi żmien ħames snin minn meta tkun ġiet skontata l-piena għar-reat preċedenti.

Illi l-ġurisprudenza ta' din l-Onorabbli Qorti hija ċara f'dan ir-rigward u hawnhekk issir referenza għas-sentenza ta'din il-Qorti fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Anthony Said*[34] fejn ingħad illi:

> *"id-diċitura tal-artikolu 50 ma jidhirx li jħalli alternattiva lill-Qorti ħlief li tagħti lill-kliem tal-istess artikolu t-tifsira naturali tiegħu u ċioe' li t-termini preskritti fl-artikolu 50 għall-finijiet tal-awment tal-piena jiskattaw meta l-ewwel sentenza tkun ġiet skontata."*

Illi jingħad bir-rispett illi l-ebda waħda mis-sentenzi msemmija minn l-Ewwel Onorabbli Qorti ma ġiet effettivament skontata u dan għaliex, l-ordni ta' *probation* inflitta bis-sentenza tal-10 ta' Mejju, 2021, kienet imposta għal tlett (3) snin u għaldaqstant, kienet għadha viġenti fid-data illi seħħu l-allegati reati.

L-istess irid jingħad għas-sentenza sospiża inflitta fit-21 ta' Frar, 2022, liema sentenza semmai kellha tiġi skontata wara li terminu ta' sospensjoni ta' sentejn jgħaddi. Senjatament f'dan ir-rigward, issir referenza kemm għal artikolu 28A(5A) illi jgħid:

> *"(5A) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 28F, il-piena mogħtija f'sentenza sospiża meta dik is-sentenza matkunx daħlet fis-seħħ għandha, għall-finijiet tal-artikolu 50, titqiesli tkun ġiet skontata mal-iskadenza tal-perjodu operattiv oriġinal imsemmi fis-subartikolu (1) jew tal-perjodu operattiv magħmul minfloku kif provdut fl-artikolu 28B(2)(b)."*

Kif ukoll għall-ġurisprudenza ta' din l-Onorabbli Qorti fejn fis-sentenza fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Josef Borg*[35] ingħad is-segwenti:

> **"12.** *L-ewwelnett, għal dak li jirrigwarda sentenza sospiża ta' priġunerija, jekk il-perijodu operattiv tas-sentenza sospiża jkun għadu ma skadiex, il-persuna li*

[34] Appell Nru. 401/2013 deċiza fl-10 ta' Lulju, 2015
[35] Appell Nru. 530/2012 deċiża fi

tikkommetti delitt iehor matul il-perijodu operattiv tista' titqies bħala reċidiva skond l-artikolu 49 tal-Kap. 9 iżda mhux ukoll skond l-artikolu 50 tal-Kap. 91. F'dan il-kaz, is-sentenza sospiża hija dik tat-28 ta' Ottubru 2009 li, meta seħħ l-inċident ta' l-14 ta' April 2012, kienet għadha ma skadietx. Għalhekk f'dak ir-rigward mhux applikabbli l-artikolu 50."

ii. Sentenza ta' *Probation* ma tistax tittieħed in konsiderazzjoni ai fini ta' reċidva.

Illi l-appellant jagħmel referenza wkoll għall-artikolu 25 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta illi senjatament jgħid:

"dikjarazzjoni ta' ħtija dwar xi reat li dwaru ssir ordni taħt dan l-Att li bih il-ħati jitqiegħed taħt sanzjoni komunitarja jew li tkun tillibera lill-ħati għal kollox jew kondizzjonalment għandha titqies bħala li ma tkunx dikjarazzjoni ta' ħtija għal ebda fini li jkun"

Illi dan huwa wkoll rifless fil-ġurisprudenza ta' din l-Onorabbli Qorti fejn fis-sentenza fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Joseph Grech*[36] fejn f'dan ir-rigward ingħad:

"Illi fir-rigward tal-Ordni ta' Probation imposta fuq l-appellanti, huwa principju ta' dritt illi billi tali Ordni ma tikkostitwixxi l-ebda kundanna allura ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni ai fini tal-addebitu tar-recidiva."

Illi għaldaqstant, a bażi ta' dak illi ingħad u kif inhu rifless kemm fil-ligi nostrana u kemm fil-ġurisprudenza, l-appellant għandu wkoll jiġi liberat mill-addebitu tar-reċidiva ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali u għal din ir-raġuni wkoll, jekk semmai din l-Onorabbli Qorti jogħġobha issib xi forma ta' ħtija fl-appellant għandu jkun hemm temperament fil-piena imposta mill-Ewwel Onorabbli Qorti.

TALBA

Għaldaqstant, l-esponenti filwaqt li qed jinterponi dan l-umli appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) – Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per Maġistrat Dr. Nadine Sant Lia tad-19 ta' Ġunju, 2025, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 15A, 17, 31,

[36] Appell Nru. 615/2016 deċiża fit-28 ta' Ġunju, 2017

28B(1), 28(5), 28A(7), 28F, 49, 50, 214, 215, 216(1)(b), 222(1)(a), 202(h)(vi), 325(1)(c), 339(1)(d), 339(1)(e), 339(1)(h), 382, 382A, 383, 384, 385, 386, 412C, 412D, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ddikjarat li tieni (2), it-tielet (3) u r-raba (4) imputazzjonijiet huma preskritti u għaldaqstant estiniti iddikjarat lil DEF ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni skont l-artikolu 216(1)(b) izda mhux skont l-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali, ħati tal-ħames (5), is-sitt (6), is-seba' (7) u t-tmien (8) imputazzjonijiet u kkundannatu għal piena komplessiva ta' tmintax (18) il-xahar priġunerija effettiva li magħhom għandu jiżdied ukoll il-perjodu ta' sitt xhur priġunerija effettiva ordnati permezz tas-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tal-21 ta' Frar 2022 per Maġistrat Dr Noel Bartolo, uwara li rat l-Artikoli 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex tipprovdi għas-sigurta` pubblika, qiegħdet lill-appellant DEF taħt obbligazzjoni tiegħu personali għal perjodu ta` sena taħt penali ta` elf ewro (€1,000). In oltre, il-Qorti wara li rat l-artikolu 382A u 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat il-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin kontra l-ħati a favur ta' GHI għal perjodu ta' tlett (3) snin mid-data ta' din is-sentenza u li għandha tagħti effett għal kull ma hemm imsemmi fl-artikolu 412Ċ(3)(6)(8)-(11) li għandhom japplikaw mutatis mutandis, u peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati Esperti u/jew Periti, il-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-talba ta' l-Avukat Ġenerali sabiex tapplika dak li jipprovdi l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-appellanti jitlob bir-rispett, illi din l-Onorabbli Qorti jgħoġobha:

a) tħassar u tirrevoka is-sentenza appellata in kwantu nulla u bla effett ai termini tal-ewwel aggravju u tordna li l-atti jiġu rimandati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) – Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali biex il-każ jiġi deċiż mill-ġdid;

b) Subordinatament, f'każ illi din l-Onorabbli Qorti ma tilqax l-ewwel aggravju tal-appellant u ma tiddikjarax l-imsemmija sentenza bħala nulla u bla effet, tvarja u tbiddel is-sentenza appellata billi:

i. tikkonfermaha fejn l-Ewwel Qorti iddikjarat it-tieni (2), it-tielet (3) u r-rabà (4) imputazzjonijiet bħala preskritti;

ii. tirrevokaha fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni skont l-artikolu 216(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, u minflok tilliberah minn kull ħtija u piena;

iii. tirrevokaha fejn sabet lill-appellanti ħati tal-ħames (5) imputazzjoni li titratta l-ħsara volontarja u minflok tilliberah minn kull ħtija u piena;

iv. u tirrevokaha wkoll in kwantu l-Ewwel Onorabbli Qorti sabet lill-appellanti ħati tas-sitt (6), is-seba' (7) u t-tmien (8) li jitrattaw reat imwettaq waqt probation order u sentenza sospiża, u l-addebitu tar-reċidiva, u minflok tiddikjarah mhux ħati tal-ebda waħda minnhom u tilliberah minn kull ħtija u konsegwenti piena, u

v. mingħajr preġudizzju għall-aggravji kollha imressqa f'dan l-umili appell, subordinatament, in kwantu piena, illi tirriforma s-sentenza b'dan li tingħata aktar ekwa u miti skond iċ-ċirkostanzi tal-każ.

Avv.

Esponenti: (indirizz tal-appellant)

Riappuntament ta' Appell Deżert

Fil-Qorti tal-Appell Kriminali
(Sede Inferjuri)

Imhallef (Isem)

Appell Nr. 123/2025

Il-Pulizija
-vs.-
(Isem) (Nru KI)

Appell dikjarat deżert fil- XX/XX/XXXX

Rikors ta' (Isem) detentur tal-karta tal-identia' (Nru KI)
Jesponi bir-rispett:-

Illi permezz ta' sentenza datata (Data), il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) per Maġistrat Dr. (isem il-Maġistrat li ta' is-sentenza) sabet lil-esponenti ħati u kkundannatu (Piena).

Illi r-rikorrent ħass ruħu aggravat min tali sentenza u permezz ta' rikors datat (Data) interpona appell minn din is-sentenza;

Illi l-appell ġie appuntat għas-smigħ minn din l-Onorabbli Qorti għal (Data)

Illi r-rikorrent, ghalkemm debitament notifikat bl-avviz tas-smiegħ naqas milli jidher għall-udjenza u konsegwentement din l-Onorabbli Qorti għaddiet iddikjarat l-appell odjern bħala deżert ai termini tal-artikolu 422 tal-Kodiċi Kriminali;

Illi r-rikorrent naqas milli jattendi għas-smiegħ minħabba illi huwa kien ma jiflaħx u ma kienx f'kundizzjoni ta' saħħa tajba sabiex jattendi għas-seduta surreferita u dan kif jidher miċ-ċertifikat mediku hawn anness u mmarkat bħala Dok. A u għaldaqstant ma kellu l-ebda intenzjoni illi juri nuqqas ta' rispett lejn l-awtorità ta' din l-Onorabbli Qorti;

Illi ai termini tal-artikolu 422 tal-Kodiċi Kriminali qed tiġi annessa wkoll dikjarazzjoni maħlufa tal-esponenti fejn jikkonferma l-fatti hawn dikjarati minnu kif rikjest mill-artikolu 422(1) tal-Kodiċi Kriminali (Dok. B);

Għaldastant u in vista' tas-suespost, ir-rikorrent filwaqt li jiskuża ruħu ma' din l-Onorabbli Qorti jitlob umilment sabiex din l-Onorabbli Qorti jogħġobha

tirriaappunta l-appell għas-smiegħ għal ġurnata oħra u dan taħt dawk il-kunddizjjonijiet u obbligi kollha illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha timponi.

Avv. (Isem)
(Indirizz)

Dikjarazzjoni Ġuramentata

Jiena XYZ detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 123456M residenti 123, Triq ir-Repubblika, Valletta niddikjara u bil-ġurament tiegħi nikkonferma illi:

Nahar l-(data) meta kien ha jinstema l-appell tiegħi, jiena kont ma niflaħx ħafna u ma stajtx noħroġ mid-dar.

____

XYZ

K.I. Nru. 123456M

Maħlufa quddiemi (Isem quddiem min inħalfet) illum (data)

____

(Isem quddiem min inħalfet)

Rikors Habeus Corpus Art. 409A

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

XYZ

Vs

Il-Kummissarju tal-Pulizija

Aġenzija għas-servizzi Korrettivi

Rikors ta' XYZ (K.I.)

Jesponi bir-rispett:

Illi l-esponenti jinsab għaddej proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) akkużat b'reat ta' serq.

Illi fil-mori ta' dawn il-proċeduri l-esponenti ingħata il-ħelsien mill-arrest u għamel id-depożitu rikjest hekk kif ordnat mill-istess onorabbli Qorti permezz ta' digriet (data).

Illi madankollu, ħamest ijiem wara illi ingħata il-liberta' provizorja, l-esponenti għadu ma ġiex rilaxxjat mill-kustodja tal-Agenzija għas-servizzi Korrettivi.

Illi id-detenzjoni tal-esponenti fil-faċilita' korrettiva ta' Kordin tikkostitwixxi arrest illegali ai termini tal-artikolu 409A tal-Kodiċi Kriminali.

In vista' tas-suespost u ai termini tal-artikolu 409Atal-Kodiċi Kriminali, l-esponenti umilment lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

a. Tiddikjara li d-detenzjoni tar-rikorrenti m'hix imsejsa fuq bażi legali.
b. Tordna r-rilaxx tar-rikorrenti b'effett immedjat u dan taħt dawk il-kundizzjonijiet u l-provvedimenti kollha li din l-istess Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Avv.

<u>Rikors Habeus Corpus Art. 409A</u>

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

XYZ

Vs

Il-Kummissarju tal-Pulizija

Aġenzija għas-servizzi Korrettivi

Rikors ta' XYZ (K.I.)

Jesponi bir-rispett:

Illi l-esponenti jinsab għaddej proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) akkużat b'reat ta' serq.

Illi fil-mori ta' dawn il-proċeduri l-esponenti ingħata il-ħelsien mill-arrest u għamel id-depożitu rikjest hekk kif ordnat mill-istess onorabbli Qorti permezz ta' digriet (data).

Illi madankollu, ħamest ijiem wara illi ingħata il-liberta' provizorja, l-esponenti għadu ma ġiex rilaxxjat mill-kustodja tal-Agenzija għas-servizzi Korrettivi.

Illi id-detenzjoni tal-esponenti fil-faċilita' korrettiva ta' Kordin tikkostitwixxi arrest illegali ai termini tal-artikolu 409A tal-Kodiċi Kriminali.

In vista' tas-suespost u ai termini tal-artikolu 409Atal-Kodiċi Kriminali, l-esponenti umilment lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

a. Tiddikjara li d-detenzjoni tar-rikorrenti m'hix imsejsa fuq bażi legali.
b. Tordna r-rilaxx tar-rikorrenti b'effett immedjat u dan taħt dawk il-kundizzjonijiet u l-provvedimenti kollha li din l-istess Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Avv.

Rikors għall-liberta' provizorja (1)

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

Maġistrat Dr. Astrid May Grima LL.D.

Każ Nru. 6994/2024

Il-Pulizija

Spettur ABC

Vs

XYZ

Differtia 10 ta' Ġunju, 2025 f' 12:00pm.

Rikors ta' XYZ detentur tal-Karta tal-Identità bin-numru: 123456M

Jesponi bir-rispett:

Illi fis-7 ta' Settembru, 2024, l-esponenti tressaq b'arrest sabiex iwieġeb għall-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu, u illum, disa' xhur wara, għadu hekk arrestat.

Illi xhieda pajżana f'dawn il-proċeduri ma kienx hemm u l-allegati vittimi f'dawn il-proċeduri kollha ddeponew. Apparti minn hekk, in vista' tal-fatt illi dawn il-vittmi huma uffiċjali tal-LESA u Transport Malta, f'dan l-istadju ma hemmx biża ta' intralċ ta' provi, fil-fatt wieħed jista' faċilment jgħid illi prosekuzzjoni tinsab fi stadju avvanzat tal-provi tagħha.

Illi jiġi sottomess bir-rispett illi l-esponenti huwa Malti u kwindi ma hemmx biża' li l-esponenti ser jittanta jaħrab jew jabskondi;

Illi fir-rigward tal-indirizz tiegħu huwa għamel kuntatt ma' Dar Papa Franġisku tramite is-social worker tiegħu u kif jistà jiġi kkonfermat minn Ian Galea, il-persuna responsabbli mill-imsemmija Dar, jekk din il-Qorti jogħġobha takkordalu l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest huwa ha jkun qed jirrisjedi hemmhekk. Ian Galea huwa wkoll lest illi jixhed tramite video conferencing biex jikkonferma dan kollu (ian.galea@fdh.org.mt).

Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob illi fid-dawl tal-premess, din l-Onorabbli Qorti jogħġobha filwaqt li tawtorizza lill-imsemmi Ian Galea jixhed permezz tal-video conferencing, u wara li tisma' s-sottomissjonijiet orali li jistgħu jitressqu waqt is-smigħ ta' dan ir-rikors, tagħti il-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest lill-esponenti u dan salv kull provvediment u garanzija ulterjuri li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha timponi fil-ġudizzju għaqli u superjuri tagħha.

Avv

Esponenti: Faċilità Korrettiva ta' Kordin

<u>Rikors għall-liberta' provizorja (2)</u>

Fil-Qorti Kriminali

Kumpilazzjoni Nru. 994/2024

Ir-Repubblika ta' Malta

v.

XYZ

Maġistrat Dr. Lara Lanfranco LL.D.

Diff: 11 ta' Lulju, 2025

Rikors ta' XYZ

Jesponi bir-rispett:

Illi l-esponenti tressaq b'arrest sabiex iwieġeb għall-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu nhar it-28 ta' Novembru, 2024, u għadu hekk arrestat sal-lum, iġifieri għal-aktar minn sitt xhur;

Illi l-esponenti jixtieq illi pendenti s-smigħ ta' dawn il-proċeduri huwa jingħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest;

Illi jiġi sottomess bir-rispett illi l-esponenti huwa Malti u għandu l-familja tiegħu hawn Malta u kwindi ma hemmx biża' li l-esponenti ser jittanta jaħrab jew jabskondi;

Illi mingħajr ma l-esponenti jidħol fil-mertu tal-każ, u strettament mingħajr preġudizzju, jiġi umilment sottomess illi f'każi simili, meta iċ-ċirkustanzi kienu wkoll simili għal dawk ta' dan il-każ, wara li jixhdu x-xhieda kollha pajżana, l-imputat jingħata il-libertà proviżorja. Għaldaqstant, in linja ma duttrina tal-uniformità tal-

ġudizzju, l-esponenti ma għandux jiġi trattat b'mod differenti u din hija raġuni oħra għalfejn l-esponenti għandu jingħata il-libertà provizorja f'dan l-istadju.

Illi b'kull rispett, il-biża tal-prosekuzzjoni li l-esponenti jista' b'xi mod, jintralċa l-kors tal-ġustizzja billi b'xi mod jew ieħor jinterferixxi mad-data li hemm ppreservata fil-mobile phones ma hijiex raġuni valida għall-kontinwazzjon tal-arrest tal-esponenti, in kwantu kuntrarjament għal xhud okulari, il-mobile phone diġa huwa elevat u fil-pussess ta' espert nominat mill-Qorti. In oltre, il-fatt dwar jekk l-espert espletax jew le l-inkarigu tiegħu zgur ma għandiex tkun raġuni valida fil-liġi il-għala l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest ma għandux jingħata. Altrimenti wieħed jirriskja jiġi vittma ta' rekwiżit addizzjonali li ma huwiex kontemplat bl-ebda mod fil-linji gwida indikati fl-artikolu 575 tal-Kodiċi Kriminali.

Illi skont il-prinċipji bażilari tad-drittijiet fundamentali, fid-dawl ukoll tal-preżunzjoni tal-innoċenza, l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest pendenti l-proċeduri għandha tkun ir-regola ġenerali u l-kontinwazzjoni tal-arrest għandha tkun biss l-eċċezzjoni;

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha takkordalu l-ħelsien mill-arrest u dan taħt dawk il-kondizzjonijiet li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi.

Av.

Esp. Facilita' Korrettiva ta' Kordin

Sfida lill-Kummissarju tal-Pulizija

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

XYZ

vs

Kummissarju tal-Pulizija

Rikors ta' XYZ (K.I. 123456M)

Jesponi bir-rispett:

1. Illi dan ir-rikors qieghed isir ai termini tal-Artikolu 541(1) tal-Kodici Kriminali (Kap. 9);

2. Illi l-esponent huwa direttur u azzjonista flimkien ma ABC ta' Willard, Triq Papa Pawlu V, Bugibba, limiti ta' San Pawl il-Bahar, fis-socjeta' kummercjali "Melway Limited" illi tiggestixxi l-hanut ossija 'super market' bl-isem 'Melway 11' fi Vjal il-Haddiem, Rabat;

3. Illi l-esponent huwa armel u m'ghandux ulied u lill-imsemmija ABC huwa kien jitrattaha daqs li kieku kienet bintu, tant illi l-fondi biex jinfetah u jigi avvjat l-imsemmi negozju prattikament harighom kollha l-imsemmi XYZ, ghalkemm fis-socjeta' kummercjali "Melway Limited" fuq imsemmija l-ishma gew assenjati liz-zewg partijiet fi kwoti ugwali;

4. Illi l-imsemmija ABC kienet talbet lill-esponent biex jghinha peress illi, skond hi, hija kellha dejn ma certu KLM illi kien qieghed jippressaha ghall-hlas;

5. Illi l-esponent informaha illi huwa ma kienx f'posizzjoni illi jislifha xi flus stante illi l-fondi illi huwa kellu kien uzahom ghall-iskopijiet tan-negozju.

6. Illi l-imsemmija ABC kienet nformat lill-esponent illi hija kienet sabet tissellef is-somma ta' ghaxart telef lira Maltija (LM 10,000) minghand certa NOP izda talbitu sabiex fuq l-iskrittura ta' self jidher hu, u cioe' l-esponent, minflokha, peress illi hija ma riditx tinvolvi lil zewgha DEF, illi huwa membru tal-Korp tal-Pulizija;

7. Illi l-esponent kien accetta illi jaghmel dan bil-kundizzjoni illi immedjatament wara l-imsemmija ABC tiffirma skrittura illi permezz taghha hija tiddikjara illi effettivament l-obbligu tar-rifuzjoni u hlas tas-somma mislufa ta' ghaxart elef lira Maltija (LM10,000) ikun jinkombi fuqha u mhux fuq l-esponent.

8. Illi fil-fatt fit-23 ta' Gunju, 1998 l-esponent kien mar ghand in-Nutar Pierre Falzon flimkien mal-imsemmija ABC u NOP fejn giet iffirmata skrittura ta' self illi qed tigi

hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A, filwaqt illi NOP ghaddiet lil ABC is-somma ta' ghaxart elef lira Maltija (LM 10,000) fi flus kontanti.

9. Illi l-esponent fl-ebda mument ma ha fil-pussess tieghu la s-somma ta' ghaxart elef lira Maltija (LM 10,000) u lanqas centezmu wiehed mill-imsemmija somma ta' flus li ttiehdet mill-imsemmija ABC, stante illi, wara kollox, is-self kien intiz ghaliha.

10. Illi l-esponent qabel dik l-okkazzjoni qatt ma kien tkellem mal-fuq citata NOP dwar is-self ta' din is-somma ta' flus u l-arrangamenti kollha mal-imsemmija NOP kienet ghamlithom l-imsemmija ABC, u l-esponenti lanqas ma kien involut fl-arrangamenti biex tigi ffirmata l-iskritturfa ta' self ghand in-nutar u lanqas fl-ghazla u l-hlas tal-istess nutar, izda semplicement gie informat bid-data u l-hin ta' meta kellu jmur jiffirma l-imsemmija skrittura.

11. Illi anke fl-hin illi NOP ghaddiet din is-somma lil ABC fi flus kontanti, kienu l-istess GHI u ABC Ii kienu ghaddew il-flus u mhux l-esponent illi ma involva ruhu u ma gie involut bl-ebda mod iehor ghajr biex jiffirma l-iskrittura ta' self.

12. Illi l-imsemmija ABC naqset mill-obbligu minnha assunt illi tmur flimkien mal-esponent ghand l-avukat ta' fiducja tal-esponent sabiex issir skrittura jew dikjarazzjoni illi permezz taghha hija tirrikonoxxi illi l-obbligu tar-radd lura tal-imsemmija somma ta' ghaxart elef lira Maltija (LM 10,000) kien jispetta u jinkombi unikament fuqha u illi l-esponent effettivament ma kellu x'jaqsam xejn ma dan is-self.

13. Illi, minkejja dan, l-imsemmija ABC kienet qed thallas u trod lura lill-imsemmija GHI s-somma ta' ghaxart elef lira Maltija (LM10,000) lilha mislufa, u ghalhekk l-esponent ma inkwetax daqstant sa kemm il-hlas kien qieghed isir regolarment.

14. Illi sussegwentement ir-relazzjonijiet bejn l-esponent u l-imsemmija ABC iddeterjoraw drastikament minhabba illi l-esponent beda jsib illi l-gestjoni tan-negozju min-naha ta' ABC ma kienx qieghed isir kif suppost, bdew jakkumulaw diversi djun u minkejja illi l-esponent kien qieghed ipoggi flus tieghu personali fin-negozju d-dejn kompla jizdied minflok jonqos.

15. Illi fil-fatt l-imsemmija ABC kienet waqfet milli tmexxi l-hanut "Melway 11" illi illum huwa gestit unikament mill-esponent.

16. Illi bejn l-esponent u l-imsemmija ABC jezistu diversi pendenzi ohra foshom, 'inter alia', hlasijiet dovuti mill-imsemmija ABC u zewgha Richard Ciappara ghall-flus lilhom mislufa mill-esponent u ghall-karavan lilhom mibjugh mill-esponent, apparti l-pendenzi relatati strettament man-negozju u l-kumpanija.

17. Illi minkejja illi giet diversi drabi interpellata sabiex tersaq halli tiffirma l-appozita skrittura sabiex tigi regolarizzata s-sitwazzjoni rigwardanti s-self ta' ghaxart elef lira Maltija (LM 10,000) lilha somministrat minn GHI kif fuq espost, u minkejja illi l-istess

ABC effettivament irrikonoxxiet illi tali self sar a favur taghha u mhux tal-esponent, hija baqghet tirrifjuta illi taghmel dan.

18. Illi bl-agir taghha l-imsemmija ABC irrendiet ruhha hatja ta' offiza kriminali ta' frodi ghad-dannu tal-esponent.

19. Illi l-esponent kiteb lill-Pulizija Ezekuttiva sabiex jigu istitwiti proceduri kriminali kontra l-imsemmija ABC, izda permezz ta' ittra datata 14 ta' Awissu, 2002, li qed tigi hawn annessa bhala Dok. B il-Pulizija Ezekuttiva gharrfet lill-esponent illi ma kienx hemm ragunijiet sufficjenti biex jigu istitwiti proceduri kriminali kontra l-imsemmija ABC u li l-pendenzi illi l-esponent kellu mal-imsemmija ABC kienu ta' natura civili.

20. Illi indubbjament jissussistu l-estremi tal-offiza kriminali ta' frodi a bazi tal-principju kardinali 'fraus omnia corrumpit", u ghalhekk kellha ssir din l-odjerna procedura.

Ghal dawn il-motivi, l-esponent, filwaqt illi jobbliga ruhu illi jikkonferma l-kontenut tar-rikors odjern bil-gurament u jaghti garanzija, somma illi tigi iffissata minn din il-Qorti, sabiex jidher halli jaghti x-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri u fl-eventwali proceduri kriminali kontra l-imsemmija ABC, u dan a tenur tal-proviso tal-artikolu 541 (1) tal-Kodici Kriminali, filwaqt illi jitlob illi jinghata l-fakulta biex biex jipproducu l-provi kollha mehtiega, jitlob lil din il-Qorti joghgobha tordna lill-pulizija esekuttiva sabiex, ghar-ragunijiet fuq imfissra, tipprocedi gudizzjarment kontra l-imsemmija ABC u tordna kommunika tal-appozitu digriet lill-Kummissarju tal-Pulizija u dan ai termini tal-Artikolu 541 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, salv dejjem kull ordni u provvediment iehor Ii din l-istess Qorti jidhrilha li jkun xieraq u opportun;

Avv.

Kwerela

Spettur tal-Għassa
Għassa ta' Ħaż Żabbar,
3, Triq iċ-Ċawsli,
Ħaż Żabbar

23 ta' Ġunju, 2025

KWERELA

Spettur,

Ninsab dirett niktiblek għan-nom tas-Sinjura ABC, detentrici tal-karta tal-identità 123456A, riferibilment għall-aġir inġurjuż u offensiv indirizzat lis-Sinjura ABC minn DEF, detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 78910M residenti ġewwa (indirizz).

FATTI

Illi fit-12 ta' Mejju, 2025, is-Sa. DEF ġiet impjegata mal-kumpanija Clenmain General Services bħala cleaner, ġara illi fil-15 ta' Ġunju, 2025, hija ġiet sospiża minn l-impjieġ tagħha minħabba l-atteġġament ostili li kellha mas-supervisor tagħha.

Illi sussegwentement fis-16 ta' Ġunju, 2025, l-impjieg tagħha ġie definittivament terminat u nfexxet f'litanija ta' insulti u nġurji fil-konfront tal-istess ABC. Illi dawn l-inġuriji intbgħatu permezz tal-mobile number tagħha 77123456 fuq il-pjattaforma 'whatsapp' lis-Sinjura ABC fuq il-mobile number tagħha 99123456 (Dokument anness bħala Dok A).

Illi apparti minn hekk, l-istess DEF anke tellgħet post fuq is-sit tal-media soċjali *Facebook* bi *screen-shot* ta' din l-istess konverżazzjoni u b'magħha post fejn irreferiet għas-Sinjura ABC bħala '*miserable bitch*' u '*lowlife bitch*' (Dokument anness bħala Dok B).

Illi jingħad illi l-imsemmija DEF kienet għadha fil-perjodu ta' probation u strettament il-kumpanija anqas kellha għalfejn tagħti raġuni sabiex tittermina il-kuntratt ta' impjieg.

Illi l-aġir tas-Sa. DEF jikkostitwixxi ksur tal-artikolu 339(1)(3) tal-Kodici Kriminali u l-artikoli 49(c) tal-Kap 399 tal-Liġijiet ta' Malta

PROVI

Illi apparti provi oħra li mill-investigazzjoni tiegħek jistgħu jirriżultaw li huma relevanti għal każ, l-kwerelanti qiegħda tindika bħala provi:

a. Il-kwerelanti stess għal-konferma tal-fatti u sabiex tippreżenta id-dokumenti relattivi;
b. Screenshots tal-konverzazzjoni li kien hemm bejn il-kwerelanti u Sa. DEF fuq il-pjattaforma whatsapp (Dok A).
c. Screenshot tal-post li għamlet is-Sa. DEF fuq facebook (Dok B).
d. Is-Service providers sabiex jagħtu informazzjoni fuq in-numri tal-mobile 77123456 u 99123456.

TALBA

Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, u filwaqt li l-kwerelanti tiddikjara illi hija disposta li tagħti kwalsiasi informazzjoni oħra li tista' tintalab lilha mill-pulizija fl-investigazzjoni, ġentilment nitolbok, illi wara li tinvestiga l-każ skont il-liġi, illi tipproċedi kontra DEF u takkużha talli b'diversi atti magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiskru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, fis-16 ta' Ġunju, 2025 u fil-jiem ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer:

1. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika għamilt użu mhux xieraq bih (artikolu 49(c) tal-Kap 399 tal-Liġijiet ta' Malta);
2. Fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi, għamilt lil ABC inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk ikun ipprovokat, jinġurja b'mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni (artikolu 339(1)(3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

Fl-aħħar lok, ġentilment nitolbok illi una volta illi jsiru l-investigazzjonijet u jinħarġu l-akkużi għall-Qorti, illi l-kwerelanti u/jew l-avukat sottoskritt jiġu notifikati bid-data tas-smiegħ tal-proċeduri.

Filwaqt li nirringrazzjak bil-quddiem tal-attenzjoni tiegħek,

Nselli għalik,

Avv.

<u>Rikors ai termini tal-artikolu 28H(5) tal-Kodiċi Kriminali</u>

Fil-Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħ. Dr. N Camilleri

App. Nru. 413/2017

Il-Pulizija

Vs

ABC

(Deċiża: 06/02/2024)

Rikors maħluf tal-parte civile XYZ

Jesponi bir-rispett u bil-ġurament:

Illi l-esponenti huwa l-parti leża fil-proċeduri supra ċitati;

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-19 ta' Ottubru 2017, il-Qorti, filwaqt li ddikjarat it-tielet (3) imputazzjoni bħala preskritta, ma sabitx lillimputata ħatja tat-tieni (2) imputazzjoni u lliberata minnha u, wara li rat l-Artikoli 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputata ħatja tal-ewwel (1) imputazzjoni u kkundannataha sentejn priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġew sospiżi għal perjodu ta' erba' snin u b'applikazzjoni ta' Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat lill-imputata biex fi żmien sitt xhur tħallas lill-parti leża XYZ is-somma ta' €102,492.00 ekwivalenti għal Lm44,000. In oltre, il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju l-import tas-sentenza u x'jiġri jekk ma tħallasx lill-parti leża fiż-żmien prefiss u jekk tikkommetti reat ieħor fi żmien erba' snin;

Illi sussegwentament, l-imputata ABC intavolat appell mis-sentenza supra ċitata, liema appell ġie deċiż minn dina l-Onorabbli Qorti nhar is-6 ta' Frar 2024, fejn il-Qorti ċaħdet l-appell imressaq mill-appellanti ABC u kkonfermat s-sentenza fl-intier tagħha, b'dan illi t-termini hemm imsemmija kellhom jibdew jgħoddu mid-data tas-sentenza tal-appell, i.e., is-6 ta' Frar 2024;

Illi jiġi rilevat bir-rispett li sal-ġurnata tal-preżentata ta' dan ir-rikors maħluf, l-imputata ABC naqset li tħallas lill-parti leża XYZ is-somma ta' €102,492.00 ekwivalenti

għal Lm44,000, skond kif ordnat fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tad-19 ta' Ottubru 2017, u konfermata minn dina l-Onorabbli Qorti fis-6 ta' Frar 2024;

Illi kwindi tenut kont li diġà għaddew sitt (6) xhur mid-data tas-sentenza in kwistjoni u għadu ma sar l-ebda ħlas lill-parte leża kif orndat mill-Qorti, l-imputata ABC naqset li tikkonforma ruħha mad-direttiva mogħtija mill-Qorti ai termini tal-artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan fi żmien stabbilit mill-Qorti f'dik l-istess direttiva;

Illi konsegwentament, entro t-terminu prefiss fil-liġi, l-esponenti qiegħed jippreżenta dan l-umili rikors maħluf sabiex filwaqt li jinforma lil dina l-Onorabbli Qorti li l-ħatja ABC naqset li tikkonforma ruħha mal-ordni ta' ħlas skond indikat fis-sentenza, jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti, jogħġobha (salv li fid-diskrezzjoni tagħha ai termini tal-istess liġi, għal kawża raġonevoli, tikkonċedi lill-ħatja żmien ieħor perentorju li ma jkunx ta' iktar minn xahar, sabiex tikkonforma ruħha mad-direttiva), tordna li s-sentenza sospiza tibda sseħħ;

Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, l-esponenti filwaqt li qiegħed jinforma lil dina l-Onorabbli Qorti li sal-ġurnata tal-preżentata ta' dan ir-rikors, il-ħatja ABC ma ħallsitu xejn mis-somma ta' €102,492.00 (ekwivalenti għal Lm44,000,) li kellha tħallsu, skond kif ordnata mill-Qorti fis-sentenza su riferita, jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti, (salv li fid-diskrezzjoni tagħha ai termini tal-istess liġi, għal kawża raġonevoli, tikkonċedi lill-ħatja żmien ieħor perentorju li ma jkunx ta' iktar minn xahar, sabiex tikkonforma ruħha mad-direttiva), tordna li s-sentenza sospiza konfermata fis-sentenza tas-6 ta' Frar 2024 mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti tibda sseħħ ai termini tal-artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan salv kull provvediment ulterjuri li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha timponi fil-ġudizzju għaqli u superjuri tagħha.

Avv.

Nota ta' Eċċezzjonijiet Preliminari fil-Qorti Kriminali ai termini tal-artikolu 438

Fil-Qorti Kriminali

Onor. Imħ. Dr. N Galea Sciberras LL.D.

Att tal-Akkuża Nru. 1/2025

Ir-Repubblika ta' Malta

Vs

XYZ

Nota ta' eċċezzjonijiet u ta' xhieda ta' XYZ ai termini tal-artikolu 438 tal-Kodiċi Kriminali
Jissottometti bir-rispett:

Lista ta' eċċezzjonijiet:

L-istqarrijijiet kollha rilaxxati minn XYZ quddiem il-pulizija, b'mod partikolari l-istqarrija rilaxxata minnu waqt li kien arrestat in konnessjoni ma' dawn il-proċeduri (DOK JG1) għandhom jiġu sfilzati u/jew dikjarati inammissibli.

In oltre, kwalsiasi referenza għal kwalsiasi stqarrija u/jew dikjarazzjoni rilaxxata minn XYZ, sia fl-Att tal-Akkuża, kif ukoll fil-bqija tal-atti proċesswali, inkluż iżda mhux limitatament, kull referenza għalihom li saret mix-xhieda, inkluż l-ispetturi u uffiċjali prosekuturi għandha tiġi sfilzata wkoll.

Illi din l-eċċezzjoni qed tinġieb il-quddiem fid-dawl tal-interpretazzjoni tad-deċizzjonijiet tal-ġurisprudenza l-aktar riċenti tal-ECHR u tal-Qrati tagħna fejn ingħad kjarament li d-dritt ta' l-akkużat jigi rrimedjabbilment ippreġudikat meta tali akkużat jirrilaxxa stqarrijiet wara li ma jingħatax d-dritt li qabel l-interrogatorju jikkonsulta mal-avukat di fiduċja tiegħu u lanqas ma jingħata d-dritt li waqt l-interrogazzjoni ikun assistit minn avukat, u in segwitu dawk l-istqarrijiet jintużaw kontra tiegħu.

B'mod partikolari u in sostenn ta' din l-eċċezzjoni issir referenza għall-iżjed deċizzjonijiet riċenti fosthom Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali deċiza mill-

Qorti Kostituzzjonali nhar is-26 ta' April 2022, fejn il-Qorti ordnat li "biex ma jseħħx ksur tal-jeddijiet tar-rikorrent, ma jsirx aktar użu fil-proċeduri kriminali mill-istqarrija maħlufa li huwa wettaq quddiem il-Maġistrat Inkwirenti", u Ir-Repubblika ta' Malta vs Frans Xerri, deċiża nhar it-22 ta' Ġunju 2022, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (superjuri) idderiġiet lill-Qorti Kriminali sabiex fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri ma jsirx użu mill-istqarrija rilaxxata mill-appellant lura fit-12 ta' Frar 2015.

Ir-Raba' Kap tal-Att tal-Akkuża huwa null in kwantu jirreferi għall-liġi żbaljata, ossia mhux kif kienet viġenti fiż-żmien li seħħ l-allegat reat. Tali diskrepanza hija waħda materjali b'dan li r-reat fl-att tal-akkuża ma huwiex deskritt, fis-sustanza, bħal ma kien deskritt fil-liġi fiż-żmien tar-reat.

Illi apparti tibdiliet fid-definizzjoni ta' "propjetà" kif indikata fl-artikolu 2 tal-Kap 373 liema tibdiliet saru wara Ottubru 2007, saru emendi oħra sinjifikanti u materjali fl-istess disposizzjonijiet kwotati mill-Avukat Ġenerali fir-Raba' Kap tal-Att tal-Akkuża.

B'mod partikolari, iżda mhux limitatament, fiż-żmien meta seħħ l-allegat reat id-definizzjoni ta' "money laundering" ma kinitx tinkludi wkoll "is-suspett" li l-propjetà tkun inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali. Il-liġi fiż-żmien tal-allegat reat kienet tirreferi biss għax-xjenza ossia li "wieħed ikun jaf" li l-propjetà tkun inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali, madanakollu l-Avukat Ġenerali fir-raba' kap tal-att tal-akkuża żied ukoll is-suspett b'dan li biddel is-sustanza tal-liġi kif kienet fiż-żmien tar-reat.

Illi infatti bl-Att XXXI.2007.43 li ġie ppublikat fil-31 ta' Diċembru 2007 (u daħal fis-seħħ wara dik id-data) fit-tifsira "money laundering" fl-artikolu 2 tal-Kap 373 fis-sub-paragrafi (i), (ii) u (iii) minflok il-kliem "wieħed ikun jaf" daħlu l-kliem "wieħed ikun jaf jew jissuspetta".

U bl-Att VII tal-2010.59, it-tifsira "money laundering" fl-artikolu 2 tal-Kap 373 reġgħet ġiet emendata b'dan li fis-sub-paragrafu (iv), il-kliem "wieħed ikun jaf" ġew sostitwiti bil-kliem "wieħed ikun jaf jew jissuspetta".

Illi din l-eċċezzjoni qed tinġieb il-quddiem ai termini tal-artikolu 449(1)(b) u (g) u 449(5)(a) tal-Kodiċi Kriminali.

<u>Lista ta' xhieda</u>

i. Mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet imressqa supra dwar l-ammissibilità o meno ta' ċertu xhieda tal-prosekuzzjoni, ix-xhieda kollha indikati mill-Prosekuzzjoni ghall-kontro-eżami, u f'każ li ma jiġux nġunti mill-prosekuzzjoni, sabiex jiġu prodotti mill-akkużat għall-eżami tagħhom jekk ikun il-każ.

ii. A
iii. B
iv. C

Dawn ix-xhieda kollha minn (ii) sa (iv) sabiex bħala sidien ta' ħwienet fis-Suq tal-Belt fiż-żmien meta l-akkużat XYZ kellu n-negozju, jixhdu in konnessjoni mal-istess business tal-akkużat.

Dokumenti annessi

Ċertifikati dwar diversi żwiemel li ġew impurtati u/jew ġew reġistrati fuq XYZ tul is-snin.

Avv.

<u>Ezempju ta' Talba f'rikors tal-Appell wara sentenza tal-Qorti Kriminali fil-ġuri:</u>

(meħud mis-sentenza Ir-Repubblika ta' Malta vs Joseph Grech u Kurt Grech deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali 26 ta' Novembru, 2025)

i. tikkonfermaha f'dik il-parti fejn iddikjarat lill-imsemmi Joseph Grech mhux ħati talli mingħajr ma darab jew sawwat lil Donna Pace xorta waħda heddidha b'sikkina, skont kif indikat fis-Sitt Kap tal-Att ta'l-Akkuża.

ii. Tirrevokaha f'dik il-parti fejn iddikjarat li qed issib lil Joseph Grech ħati talEwwel (1) Kap b'dan li tikkanċella il-verdett tal-ġurati li bih huwa ġie misjub ħati talli kkaġuna l-mewt ta' Brandon Pace u minflok tiddikjarah mhux ħati talEwwel Kap tal-Att ta'l-Akkuża u konsegwentement tilliberah minn kull ħtija u piena fir-rigward tal-istess Kap ta'l-Att ta'l-Akkuża jew subordinatament f'każ li l-Qorti ma tilqax tali talba u ma tiddikjarax lill-appellant mhux ħati tal-Ewwel Kap ta'l-Att ta'l-Akkuża, ssibu ħati ta'l-Ewwel Kap tal-Att ta'l-Akkuża, b'dan però li tiddikjara li l-istess delitt huwa skużabbli ai termini tal-artikolu 227(a) tal-Kodiċi Kriminali, għaliex kien ipprovokat b'offiża gravi fuq il-persuna jew b'delitt ieħor kontra l-persuna meta dan id-delitt ikun soġġett għall-piena ta' aktar minn sena priġunerija.

iii. Tirrevokaha f'dik il-parti fejn iddikjarat li qed issib lill-appellant Joseph Grech ħati tat-tieni (2), it-tielet (3) u ir-raba' (4) Kapi tal-Att ta'l-Akkuża u wara li tħassar u tikkanċella l-verdett tal-ġurati għal dak li jirrigwarda it-tieni (2), ittielet (3) u ir-raba' (4) Kapi tal-Att ta'l-Akkuża, u minflok tiddikjarah mhux ħati tat-tieni (2), it-tielet (3) u ir-raba' Kapi tal-Att ta'l-Akkuża; u

iv. subordinatament, u mingħajr preġudizzju dwar l-aggravji kollha dwar ilmertu, f'każ li l-Qorti tikkonferma l-verdett ta' ħtija f'waħda jew iktar mill-Kapi ta'l-Att ta'l-Akkuża li tagħhom kien misjub ħati mill-Ewwel Qorti, illi tvarja u timmodifika s-sentenza appellata kwantu il-piena billi tinfliġġi piena iktar miti, ekwa u ġusta skond il-każ.

Ezempju ta' talba f'rikors ta' appell minn sentenza tal-Qorti Kriminali dwar l-Eċċezzjonijiet Preliminari

(Meħuda mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, mogħtija fis-26 ta' Novembru 2025 Appelli Nru : 43/2023/1 43/2023/2 Ir-Repubblika ta' Malta vs Dwayne Grech)

Għaldaqstant jitlob lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn laqat ir-raba' u l-ħames eċċezzjoni, tirrevokaha in kwantu l-parti li tirrigwarda l-ewwel, it-tieni, it-tielet, is-sitt, is-seba', it-tmien u d-disa' eċċezzjoni u minflok tgħaddi sabiex tilqa' l-imsemmija eċċezzjonijiet jew alternattivament fl-eventwalita' li tikkonferma ssentenza fil-parti li tirrigwarda s-sitt, seba' u tmien eċċezzjoni, tirrevokaha fejn ċaħdet iddisa' eċċezzjoni u minflok tipprovdi illi l-imsemmija eċċezzjoni għandha tiġi deċiża wara li jiġu deċiżi s-sitt, seba' u tmien eċċezzjoni.

Meħuda mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, mogħtija fis-26 ta' Novembru 2025 Appelli Nru : 43/2023/1 43/2023/2 Ir-Repubblika ta' Malta vs Dwayne Grech